ORESTE CALLEJA

ix-xeneġġjaturi

Ir-4 VOLUM

ADDIJO ĊESRI

Ir-Raġel li Ried Jiftakar

GĦALIEX XENEĠĠJATURA?
Kelmtejn ta' wara dwar il-kitba
ta' xeneġġjaturi, it-tfassil
u l-qari tagħhom.

Pubblikazzjoni
WWW.ORESTECALLEJA.COM



"What the cinematographer captures
with his or her own resources
cannot be what the theater, the novel,
painting capture with theirs."
Notes sur le Cinématographe
Robert Bresson

WWW.ORESTECALLEJA.COM

amazonkindle iBooks .mobi Internet Made Mobile ePUB PDF Adobe

ABBBAXYZ

Addijo Ċesri

IR-RAĠEL LI RIED JIFTAKAR

ORESTE CALLEJA
IX-XENEĠĠJATURI

Addijo Ċesri

IR-RAĠEL LI RIED JIFTAKAR

PUBBLIKAZZJONI
www.orestecalleja.com

Addijo Ċesri © 2017 Oreste Calleja
ISBN 978 99957 896 71
L-Ewwel Edizzjoni

Edizzjonijiet diġitali
EPUB, MOBI, PDF,
(AMAZON KINDLE, IBOOKS)
huma disponibbli mis-sit tal-internet tal-awtur.

PUBBLIKAZZJONI
www.orestecalleja.com

webmaster@orestecalleja.com
teatrumalti.blogspot.com.mt

L-issettjar, it-tfassil, il-produzzjoni tal-ktieb u
d-disinn tal-qoxra: O. Calleja.

Id-drittijieti kollha miżmuma mill-awtur.
Permess bil-quddiem biex dan id-dramm jinħadem
jew jittella' għall-palk, għat-televiżjoni jew għar-radju,
jew għal għamliet oħra ta' xandir jew ta' distribuzzjoni
għandu jinkiseb mingħand l-awtur.

Għal
KIRSTEN u KARLA

And then leaning on your window sill
He'll say one day you caused his will
To weaken with your love and warmth and shelter
And then taking from his wallet
An old schedule of trains, he'll say
"I told you when I came I was a stranger
I told you when I came I was a stranger."

Leonard Cohen - The Stranger Song

ADDIJO ĊESRI

IR-RAĠEL LI RIED JIFTAKAR

WERREJ

ADDIJO ĊESRI 13

Xena 1. Ġewwa. F'karozza tal-linja – Filgħodu. 13
Xena 2. Barra. Għawdex. Misraħ ta' raħal. Is-sajf filgħodu. 14
Xena 3. Ġewwa. Kamra mudlama fl-isqaq. 15
Xena 4. Barra. Quddiem ir-remissa. 15
Xena 5. Ġewwa. Kamra ta' maħżen. 16
Xena 6. Barra/ġewwa. Il-kamra fl-isqaq – Filgħodu. 18
Xena 7. Ġewwa/barra. Il-kamra fl-isqaq – Filgħodu. 19
Xena 8. Ġewwa. Kamra ta' maħżen. 19
Xena 9. Barra. L-isqaq – Filgħodu. 23
Xena 10. Ġewwa. Il-kamra ta' maħżen. 24
Xena 11. Ġewwa. Il-kamra ta' maħżen. 38
Xena 12. Barra. Quddiem il-bieb tal-maħżen – Filgħaxija. 63
Xena 13. Ġewwa. Il-maħżen – Filgħaxija. 64
Xena 14. Barra. Quddiem il-bieb tal-maħzen – Filgħaxija. 64
Xena 15. Ġewwa. L-appartament. 66
Xena 16. Barra. Il-bitħa tal-maħżen – Filgħaxija. 80
Xena 17. Ġewwa. L-appartament – Filgħaxija. 80
Tmiem 84

ADDENDUM. GĦALIEX "XENEĠĠJATURA"? 87

PERSUNAĠĠI

BORG
CALLUS
MARA
3 ŻGĦAŻAGĦ

FADE IN

Skrin ta' iPhone, kultant jitbandal 'l hawn u 'l hinn f'ħoġor CALLUS *f'karozza tal-linja.*

Fuq l-iskrin tal-iPhone: logħba elettronika bil-kliem, tipo Alphabetty, Scrabble, Anagram Solver, eċċ.

Jinbidel l-iskrin: id-daħla għall-menu prinċipali.

Saba' jersaq bil-mod u jagħżel "Photos".

Sensiela bil-mod ta' ritratti:

- *bini kbir: fabbrika moderna, ħġieġ u metall.*
- *miġemgħa nies jiċċelebraw il-ftuħ tal-azjenda.*
- *dehra ta' uffiċċju modern, desk, kompjuters, eċċ.*
- *minn ġo tieqa kbira tiksi ħajt sħiħ: dehra mill-għoli tal-bini a la Smart City mdawwal bix-xemx - xi roqgħa kampanja, knisja 'l bogħod, eċċ.*

Mużika: marċi tal-banda fl-isfond.

XENA 1. ĠEWWA. F'KAROZZA TAL-LINJA – FILGĦODU.

IS-SUR CALLUS, *bilqiegħda waħdu waranett fl-aħħar bankijiet tal-karozza tal-linja, earphones f'widnejh, mehdi fuq l-iPhone.*

Timetable tal-vjeġġi tal-Gozo Channel taħt saqajh qrib bagalja mdaqqsa.

Jinbidel ritratt fuq l-iPhone: għadd ta' ritratti jgħaddu f'temp ta' ftit sekondi sakemm jieqfu fuq ir-ritratt imfittex:

Ritratt antik, tipo Polaroid – rokna ta' kamra - uffiċċju bla pretensjonijiet fejn jidher desk żgħir taħt tieqa - raġel mezza età, il-ġlekk imdendel pulit fuq is-siġġu warajh, il-kmiem imxammrin, attent jittajpja fuq tajprajter sewdinija. Mit-tieqa warajh tingħaraf kemm kemm xena ta' bajja.

It-tieqa minn ġewwa tal-karozza tal-linja fi triqtha: xenarju rurali, ħitan tas-sejjieħ u friegħi tas-siġar għaddejjin żbrixx fuq barra.

XENA 2. BARRA. GĦAWDEX. MISRAĦ TA' RAĦAL – IS-SAJF FILGĦODU.

Il-misraħ kważi baħħ.

Il-jiem ta' qabel kienet il-festa tar-raħal u t-tiżjin għadu mdendel fit-toroq, għalkemm għandu dehra mitluqa u mħeddla. Xi karti, laned u fliexken tal-birra u fdalijiet oħra mxerrda mat-triq.

Tasal ċeqlem il-KAROZZA TAL-LINJA.

KENNIES *jiġbor il-fdalijiet tal-festa, xi* ŻGĦAŻAGĦ *iżejnu karozza pjuttost żdingata għal xalata u xi* RĠIEL *qed jaqilgħu l-pavaljuni u t-tiżjin — ilkoll jieqfu għal mument minn xogħolhom, kurjużi jaraw min se jinżel:*

Xi żewġ NISA TAD-DAR, *b'xi ġewlaq u xirjiet, u* S-SUR CALLUS.

CALLUS*: raġel fuq il-ħamsin sew, ftit twil b'par mustaċċi griżi u ħarsa li jtuh ix-xeħta militari li jippretendi tixraqlu. Liebes nuċċali tax-xemx u kappell tat-tibna, ġlekk mitwi pulit fuq driegħu, palju taħt għabtu u fl-id l-oħra jġorr bagalja. L-ingravata xi ftit maħlula u l-ewwel buttuna tal-għonq tal-qmis miftuħa.*

Il-karozza tal-linja titlaq.

Wara li jieqaf ftit iħares madwaru, CALLUS *jerġa' jiġbor il-bagalja*

u jimxi taħt il-bankina, irewwaħ bil-palju. Iħares lejn it-tabelli tal-ħwienet magħluqin.

Kulħadd fil-misraħ jerga' lura għal xogħlu.

CALLUS *jasal quddiem bieb ta' remissa f'kantuniera ma' sqaq dejjaq. Fuqu hemm tabella skulurita. Forsi tingħaraf tpinġija ta' xi għanqud ta' għeneb jew tnejn u l-kelma "koperattiva" bilkemm tista' tinqara.*

PULIZIJA *bilqiegħda fuq ħoġor funtana tal-ġebel żgħira jistenna.*

Saqajh - ħdejhom il-fdalijiet maħruqa ta' xi murtal li ma sparax.

Fl-ilma ħadrani tal-funtana jgħumu l-fadiliet ta' imbarazz mormi - xi pakkett tas-sigaretti, laned tal-birra, fliexken tal-plastik eċċ.

CALLUS *joħroġ iPhone mill-but u jieħu ritratt tal-faċċata tar-remissa.*

Dehra tar-ritratt li ħa.

Lura fuq l-iPhone, dehra tal-isqaq hekk kif jiżżumja tul l-isqaq sa ma jiffoka fuq bieb dejjaq mgħotti b'ħasira.

XENA 3. ĠEWWA. KAMRA MUDLAMA FL-ISQAQ.

Bieb dejjaq miftuħ fuq trejqa. Siluwettata kontra ħasira mdendla sal-art figura mdella – aktarx ta' MARA *qsajra – tidher minn wara bilqiegħda fuq banketta tħares 'il barra*

Barra: id-dawl jgħammex tax-xemx.

Fl-isfond aktar 'il fuq fl-isqaq jidher IS-SUR CALLUS *wieqaf fil-kantuniera, imbagħad riesaq eqreb lejn il-bieb tar-remissa.*

XENA 4. BARRA. QUDDIEM IR-REMISSA.

Il-ponn ta' id IS-SUR CALLUS*, il-palju f'idejh – waqt ta' indeċiżjoni, imbagħad iħabbat darba darbtejn ma' bieb ir-remissa. L-ewwel taħbita ftit bil-galbu, imbagħad oħra aktar awtorevoli.*

XENA 5. ĠEWWA. KAMRA TA' MAĦŻEN.

Kaxex kbar u paletti tal-injam tal-merkanzija - jidhru li ilhom xi żmien maħżunin hemmġew. Bejniethom iserrep passaġġ dejjaq li jwassal għall-bieb kbir ta' barra, magħluq.

Faċċata, f'rokna ta' ġewwa mejda żgħira b'banketta ħdejha u abbandunati fuqha xi karti, irċevuti u reġistru. Ħdejha, xi xkaffa b'xi files qodma. Mal-ħajt fil-għoli filing cabinet taħt tieqa dejqa żbarrata. Wara l-mejda, purtiera tqila tostor il-ħajt u l-bieb għal kamra interna.

Taħt arkata mdallma ġewwinija hemm dak li baqa' minn dak li darba kien makkinarju biex isir l-inbid, magħsar nofsu mgħotti bi xkejjer immermra ilu snin mitluq għall-għanqbut, imdawwar b'damiġġjani, tramiġġjani u fliexken mgħabbra li jifirxu minn taħt l-ixkejjer. Tlett ikrietel kbar mistrieħa mal-ħajt, kultant taħrab bil-mod xi taqtira likwidu mit-tapp.

Mitluqa ħdejhom tinsab il-branda fejn hemm mixħut rieqed PAWLU BORG *taħt xibka għan-nemus.*

BORG*: raġel qsajjar qrib sew is-sittin, xagħru bajdani, darba kien mibrum u oħxon ġmielu, iżda issa nxtorob u l-ġilda ta' wiċċu mkemmxa u mdennsa. Liebes qalziet twil ta' libsa, mgħaffeġ u bla sura, l-għonq tal-qmis imberfel, l-ingravata ħabel, għoqda waħda maħmuġa - il-fdal ta' rispettabilità armajn ilha mitlufa.*

Mit-tieqa dieħel dawl jgħammex ta' xemx ta' ġurnata sajfija mill-isbaħ.

IKOMPLI T-TAĦBIT MAL-BIEB TA' BARRA.

JIBDEW JINSTEMGĦU WKOLL XI DAĦQ U GĦAJJAT FERRIEĦ MINN BARRA.

TPAQPIQA FUQ ĦORN TA' KAROZZA, XI ĊUQLAJTA ĊĊAQĊAQ: TAX-XALATA DALWAQT SEJRIN.

BORG *jitħarrek ftit.*

MURTAL TAL-FESTA JFAQQA' FIL-QRIB.

SĦABA żgħira fis-sema ikħal - għanqbuta solitarja barra t-tieqa.

BORG *jiftaħ għajnejh, jipprova jqum, iżda rasu ma jiflaħħiex. Jokrob u jintelaq lura fuq l-imħadda.*

IT-TAĦBIT MAL-BIEB.

IL-PONN TA' CALLUS IĦABBAT, BARRA.

IL- BIEB MINN ĠEWWA, MIEGĦU MWAĦĦLIN GĦADD TA' SANTI SUWED JEW SEPIA – SANTI KOMMEMORATTIVI TAL-MEJTIN, ANZJANI U M'HUMIEX.

IS-SANTI JPERPRU MA' KULL DAQQA MAL-BIEB.

BORG *jerġa' jagħmel ħiltu biex iqum bilqiegħda fuq il-branda. Iwarrab ix-xibka tan-nemus, iżda bilkemm jiflaħ jiftaħ għajnejh, ifittex għan-nuċċali, imgezzez taħt il-branda u ma jsibhux.*

TAĦBIT.

BORG *jipprova jgħajjat biex iwaqqfu, iżda leħnu maħnuq, griżmejh xotti, bilkemm jiflaħ jokrob.*

Sa fl-aħħar iqum bi sforz, ikarkar is-sandli u jimxi lejn il-bieb, jitħażżem kif jista' u jwieżen ruħu mal-kaxex.

IT-TITOLU/TITOLI:

ADDIJO ĊESRI

Ir-Raġel li Ried Jiftakar

eċċ.

BORG *wasal kważi ħdejn il-bieb ta' barra, jolqot flixkun tal-inbid li*

jitgerbeb fl-art lejn rokna tal-bieb u jieqaf hemm, l-inbid ħiereġ ilegleg minn ġo fih.

Fejn waqaf il-flixkun hemm tliet valiġġi kbar b'fuqhom ġlekk mitwi pulit, pariġġ il-qalziet li liebes BORG, *kif ukoll kappell u żarbun iswed ileqq.*

BORG *jitbaxxa, jneħħi malajr il-flixkun li ma jmurx itebbagħlu dawk il-ħwejjeġ, u jfarfar il-ġlekk u l-kappell b'attenzjoni kbira: rutina li jagħmel awtomatikament kuljum.*

Imwaħħla mal-bieb minn ġewwa 'l fuq mill-firroll hemm timetable tal-vjeġġi tal-vapur t'Għawdex, b'taħtha għadd ta' timetables eqdem li jidher li jmorru lura s-snin.

BORĠ *jiftaħ il-bieb, jgħatti wiċċu mid-dawl jgħammex.*

Il-figura sewda kontra x-xemx ta' CALLUS *fuq l-għatba.*

BORG

Xi trid?

Pront idur u jħaffef 'il ġewwa.

CALLUS *jibqa' wieqaf fuq l-għatba, għajnejh jgħarrxu fid-dalma.*

CALLUS

Nista' ngħaddi?

BORG

Idħol. Agħlaq warajk, ħaffef.

BORG *ikompli dieħel lura.*

CALLUS j*agħlaq il-bieb.*

XENA 6. BARRA/ĠEWWA. IL-KAMRA FL-ISQAQ – FILGĦODU.

Hekk kif jinstema' l-ĦOSS TA' BIEB JINGĦALAQ:

*barra mill-bieb, taħt il-ħasira, il-figura tal-*MARA *li issa ħarġet fl-isqaq, qiegħda malajr issakkar il-bieba warajha.*

XENA 7. ĠEWWA/BARRA. IL-KAMRA FL-ISQAQ – FILGĦODU.

Dlam u skiet fil-kamra abbandunata. Tingħaraf kemm kemm għamara kollha mgħottija u moħbija taħt id-drapp bajdani.

XENA 8. ĠEWWA. KAMRA TA' MAĦŻEN.

CALLUS *dieħel bil-mod wara* BORG *li sejjer dritt jerġa' jintelaq fuq il-branda.*

Jolqot flixkun fl-art li jitgerbeb u jasal sa ħdejn BORG.

CALLUS *iħares madwaru. Jieqaf u joħroġ maktur, jixxotta l-għaraq.*

Għajnejh jaqgħu fuq kaxxa tal-merkanzija, l-unika waħda miftuħa, ġenb imkisser, mnejn ħiereġ xi tiben u fliexken tal-inbid.

Jersaq lejha - jitbaxxa. Jiġbor il-flixkun tal-inbid vojt.

Jerġa' jitilqu fl-art. Iqum, iħares lejn BORG *ma jitħarrikx fuq il-branda.*

CALLUS

Int Pawlu Borg, hux hekk?

BORG

(igemgem xi ħaġa)

CALLUS

Għedtlek, int Pawlu Borg?

BORG

(bla ma jitħarrek)

Iva, xi trid?

CALLUS

Illum mhux se tiftħu, jaqaw?

BORG

Le, illum le. / Illum il-festa.

(jitqalleb - idur)

Illum il-festa.

CALLUS

Il-festa kienet ilbieraħ. Illum suppost xogħol bħas-soltu. – Illum it-Tnejn, jekk ma tafx.

BORG

It-Tnejn? Reġa' t-Tnejn?

Jipprova jqum – jokrob – ipoġġi bilqiegħda fuq il-branda, rasu mgħaddsa fuq sidru.

BORG

Dejjem tistenbaħ - tistenbaħ u ssib li hu t-Tnejn. Kieku jista' jkun... kieku mqar tistenbaħ dejjem nhar ta' Ħadd biss, eh, mank? Mank dejjem il-Ħadd, eh?

CALLUS

(spaċenzjuż)

Għaliex għadek ma ftaħtx?

BORG

(iżomm rasu tqila)

Għaliex? Għaliex... Għax ilbieraħ – kienet il-festa lbieraħ, kellna l-festa f'dal-miskut raħal, għalhekk. Il-festa. Illum l-għada – l-għada tal-festa. Ħadd ma jaħdem, l-għada tal-festa. Dak l-għaliex.

CALLUS

Mhix raġuni għala m'għandekx tiftaħ. Dan għażż – traskuraġni.

BORG

(jgħolli rasu – jipprova jqum)

Traskuraġni! Traskuraġni lili qed tgħid int, jew? Eh, lili?

(jipprova jqum fuq saqajh)

Ara kif.. *(jitbandal)* ara kif… tkellimni… lili .

(jaqa' lura fuq il-branda)

Mur, ara. Ma niflaħx - ma nistax niftaħ illum. Ejja għada... ejja.

CALLUS

Ma nistax. Ġejt hawn għalik

BORG

Għalija?

CALLUS

Apposta. Lilek ġejt infittex.

BORG

U min għadu jiġi jfittex lili hawn? Hawn jien mejjet - roddlu s-salib, ammen. Pawlu Borg miet u kiluh id-dud.

CALLUS

Titbellahx trid, Borg.

BORG

Mejjet. U int, min int int fuq kollox? Kif dħalt hawn?

BARRA JKOMPLI L-ISTORBJU:

IĊ-ĊUQLAJTI U L-ĦORNIJIET.

BORG

Ismagħhom, għadhom ma jridux jammettu li l-festa spiċċat. Sejrin xalata, illum, l-għada tal-festa. Mank tistenbaħ... *(jitlef il-ħsieb)* Ħadd ma jaħdem illum, le. Forsi għada jaħdmu. Għada - għada l-għada tal-għada tal-festa. Mela ejja għada, ħabib. Dejjem l-għada.

CALLUS

Taf li ġa daqqu kważi l-għaxra u int għadek ma ftaħtx hux - taf jew ma tafx?

BORG

(beda jiġi f'tiegħu)

U int, x'inhi affarik int, fuq kollox? Xi trid?

CALLUS

Bagħtuni minn Malta. Infittex lilek, Sur Borg.

BORG

Lili? Minn Malta? Min bagħtek?

CALLUS

Id-Ditta, Sur Borg. Id-ditta tagħna.

BORG

Id-Ditta... tagħna? Bagħtet lilek? Lilek?

(iżomm ftit rasu)

CALLUS

M'intix tagħrafni mela hux?

BORG

Lilek?... Għandi nagħrfek?

(jgħarrex lejh – ifittex in-nuċċali)

Ma nistax narak sewwa. M'għadhomx li kienu għajnejja.

CALLUS

Konna fl-istess uffiċċju, meta konna Malta, Sur Borg. Naħseb forsi għadek ftit…

BORG

L-istess uffiċċju? Meta?... Mela…

BORG *isib in-nuċċali, iżda m'hemmx għalfejn jilbsu biex jiftakar.*

BORG

Mela... Int – int Callus, mela! Is-Sur Callus!

CALLUS

Iva. Jien.

BORG

(jilbes in-nuċċali - iħares lejh)

Iva - int...

CALLUS

(sarkażmu)

Ah, sa fl-aħħar! L-għodwa t-tajba, Sur Borg!

BORG

Int!

XENA 9. BARRA. L-ISQAQ – FILGĦODU.

Tliet ŻGĦAŻAGĦ *xagħarhom imqarweż, libsin ħafif, b'xi beritta*

mdawra f'rashom, lesti biex imorru xalata - xi ċuqlajta u sfafar f'idejhom inġabru quddiem il-bieb tal-maħżen. Wieħed minnhom idawwar iċ-ċuqlajta qrib it-twejqa msakkra.

1 ŻAGĦŻUGĦ

A lilek! Fejn mort tistaħba!

2 ŻAGĦŻUGĦ

Oħroġ dur dawra magħna, Filippa ħi!

3 ŻAGĦŻUGĦ

Filippa lippa — Filippina! Yoohoo!

Minn wara kantuniera aktar 'il ġewwa fl-isqaq, is-sura żgħira ta' MARA *tittawwal bis-serqa waqt li* 3 ŻGĦAŻAGĦ *ikomplu jixxenjaw wara l-bieb.*

XENA 10. ĠEWWA. IL-KAMRA TAL-MAĦŻEN.

MINN BARRA JKOMPLI JINSTEMA' L-ISTORBJU, KULTANT EQREB, KULTANT 'IL BOGĦOD.

Imħawwad għal kollox BORG *qed jipprova jirranġa ruħu, jaqfel il-qmis u jitħażżem.*

BORG

Callus... L-għodwa t-tajba, Sur Callus. Skużani, m'għaraftekx - ma kontx naf! Ħadd ma qalli li kellek tiġi.

CALLUS

(iħares madwaru)

Qed nara jien.

BORG

Skużani, ma kontx naf. Kieku kont naf!...

(iressaqlu banketta)

Poġġi, poġġi bilqiegħda, Sur Callus! Min jaf - min jaf x'taħseb issa. Imma jaħasra ma kontx naf li int!...

CALLUS

X'nista' naħseb, Borg? Milli nista' nara...

(ipoġġi – ħarsa mqita mal-kamra)

…ftit hawn x'wieħed jista' jaħseb.

BORG

Le, le… Sejjer imqarraq, Sur Callus. Mhux soltu jiġrili hekk. Illum - illum inzertajt bqajt rieqed; kellna l-festa lbieraħ, għedtlek?

CALLUS

Għedtli!

BORG

Il-festa iva - taf int, darba fis-sena. Il-festa tiġi darba fis-sena biss.

Waqt li jkompli jipprova jirranġa ruħu, jaqfel l-ingravata, jirranġa l-ftit xagħar li għandu.

BORG

(ikompli)

U, ngħidlek is-sew, din l-ewwel darba li ġrali hekk. F'dawn is-snin kollha… Qabel, qas biss kont nagħti kasha - kienet tiġi u tmur bħall-ġranet l-oħrajn kollha. Imma, xi trid tagħmel, biż-żmien, wieħed kultant ikollu jċedi. Imma niżgurak, f'dawn is-snin kollha, qas qatt qabel ma ġrali hekk! Emminni.

CALLUS

Qed nipprova nemmnek, kieku jien, Sur Borg,

imma - dan - dan id-diżordni kollu!! X'waħda din!

BORG

Diżordni?

(iħares madwaru anzjuż,
jipprova jfittex għalxiex qed jgħid)

Hawn?

CALLUS

Mela fejn! Ma tridx tgħidli li hawn dejjem hekk, hux hekk! Dil-konfużjoni kollha?…

BORG

Le, le, niżgurak!

CALLUS

…Ma stennejtx li kont se niġi hawn u nsib xi uffiċini bħalma għandna Malta, iżda, hawnhekk, dan… hawn razzett għamiltu! Stalla!

BORG

Le, le mhux hekk, Sur Callus! Tgħid hekk għax qed tarah illum. Is-soltu bħal dal-ħin inkun ili li ftaħt! Għalkemm, kif naħseb tafu, hawn ftit li xejn baqa' negozju dan l-aħħar. Ilu li naqas...

CALLUS

Dik mhix raġuni għala...

BORG

...Eh, iva, dażgur, mhix raġuni! Dejjem hekk ngħid - mhix raguni! Xogħli li nieħu ħsieb il-maħżen, negozju u mhux negozju - dmiri dak! Għalhekk nitħallas. Imma, xi trid tagħmel,

illum sibtni hekk. L-ewwel darba li żgarrajt – iva, nammetti żgarrajt xi ftit - imma niżgurak fuq l-għeżeż ħaġa li għandi, Sur Callus, kienet din l-ewwel darba.

CALLUS *iqum u jmur ħdejn il-kaxxa tal-merkanzija miksura.*

CALLUS

U din? Din ma ġabuhiex hekk hawn, mhux hekk? Kif tkissret din?

BORG

Le, naf...

Jitbaxxa jiġbor it-tiben, jipprova jdeffsu 'l ġewwa - għalxejn.

BORG
(ikompli)

Din, iva, taf int, f'dan l-ambjent, mhux ħaġa kbira ssib il-ġrieden. U dik il-kaxxa ilha hawn - ilha żmien twil. Ikolli ngħid meta ġejt hawn jien l-ewwel darba hawn kienet…

CALLUS

Ma tridx tgħidli wkoll li kienu l-ġrieden li fetħu u xorbu dawn il-fliexken, hux hekk?

BORG
(ma jafx x'jaqbad iwieġeb - iħokk rasu)

Ma nafx. Ma nafx ngħidlek, Sur Callus. Ilbieraħ...

BORG, *donnu f'daqqa waħda muġugħ, jersaq lejn il-branda, jitbaxxa u joħroġ bastun mixħut hemm taħt.*

BORG
(jiddritta u jqum bilwieqfa jserraħ fuq il-bastun)

...Ilbieraħ. Ma nafx x'ġara lbieraħ. Ħtija tiegħi, forsi iva, imma, niżgurak, kienet l-ewwel darba.

CALLUS

(aktar ma jħares madwaru aktar jiddiżgusta ruħu)

U le, ara, tgħidli xejn! Din stalla! Stalla u xejn iżjed! U hawn - int taħdem u tgħix, hawn ġew?

BORG

(ibaxxi rasu)

Hawn. Hawn bgħattuni, u hawn ġejt jien. F'din l-istalla. Imma, le, mhix stalla. Jien għext fiha dawn is-snin kollha, u kif taf, qatt ma gergirt jien.

CALLUS

Tgerger? Int tgerger?! Baqax!

BORG

Le, mhux hekk irrid ngħid. Jien, irrid ngħid, jien qatt ma gergirt. Qatt ma tlabtkom xejn - ebda tiswijiet. Qatt li qatt ma gergirt.

CALLUS

U għamilt ħażin! Imissek bgħatt rapport tal-qagħda t'hawn. Kif tridhom ikunu jafu x'inhu meħtieġ li jsir jekk int ma tgħarrafhomx?

BORG

Iva naf. Imma, fuq kollox, hawn mhux mgħarraq daqs kemm jidher. Kieku forsi xi darba xi ħadd resaq 'l hawn – ġie jara x'inhu jiġri hawn – kont forsi ngħidilkom xi ħaġa. Imma, taf int, hawn ħadd qatt ma jiġi.

Jersaq lejn il-krietel u jipprova għalxejn jagħlaq xi tapp biex ma jkomplux iqattru.

CALLUS

M'għandux x'jaqsam. Int imissek titkellem - turihom x'inhu meħtieġ. U mela tħalli kollox sejjer il-baħar! Traskuraġni bħal din!

BORG

Traskuraġni? Jien – jien nittraskura? Qas li ma kontx tafni sewwa int, Sur Callus. Int tiftakarni hux - tiftakarni fl-uffiċċju tagħna - dak iż-żmien? Tiftakar hux?

CALLUS

(ma jweġibx)

BORG

...Tiftakar. L-uffiċċju tagħna… ma kenitx kamra kbira, qas nofs dal-maħżen, u konna ħamsa hemm ġew, naħdmu taħtek, Sur Callus. U jien kont naħdem daqs l-oħrajn, biex ma ngħidx ftit iżjed ukoll...

Ħarsa stramba fuq wiċċ CALLUS.

BORG

(donnu kien jistennieha - malajr ikompli)

...Mhux għax irid niftaħar, int taf, Sur Callus. Imma li kont naħdem huwa minnu. Il-verità verità...

BORG *isib flixkun ilma taħt il-mejda u joħroġ tazza tal-plastik minn kexxun. Iferra' għal* CALLUS.›

BORG

…U kont inħobbu xogħli jien. Kelli dik l-mejda

tiegħi fir-rokna, imgezzez bejn il-files u l-armarju - bilkemm fejn nitħarrek - imma kont nagħmel xogħli bil-qalb, hemm, f'dik id-daqsxejn ta' rokna.

CALLUS

(bla ma jħares lejh – jieħu l-ilma)

Dik ir-rokna taħt it-tieqa.

BORG

(iħares lejh)

Taħt it-tieqa iva. Tieqa żgħira, nofs il-ħġieġ miksur u ħadd qatt ma jried isewwieħ. Kont ngħattih bil-kartun fix-xitwa, imma xorta kont inħoss dik iż-ziffa kiesħa tperper wara widnejja, nieżla treżżaħli dahri. *(ħjiel ta' akkuża?)* Ħadd qatt ma ried isewwih dak il-ħġieġ.

CALLUS

Fis-sajf iżda, kont tiftaħha beraħ dik it-tieqa.

BORG

Iva, fis-sajf imbagħad mod ieħor! Ix-xitwa qatt ma donnha kienet iddum wisq, dak iż-żmien. Kont nieħu gost biha fis-sajf, dik it-tieqa, ma niċħadx. Kont niftaħha iva, u x-xemx kienet tinżel dritt fuq l-iskrivanija, u waqt xogħli kont inħoss is-sħana tagħha tmellisli jdejja, tilgħab ma' subgħajja. U ż-żiffa kiesħa ma kenitx iddejjaqni iżjed, anzi, f'dik daqsxejn rokna, taħt it-tieqa. Iva, kont ferħan, dak iż-żmien.

CALLUS

Sakemm ittrasferewk hawn.

***BORG**, F'daqqa waħda għajjien, jitlaq il-bastun minn idu kważi b'rabja u jmur jintelaq lura fuq il-branda.*

BORG

Hawn, iva. Iżda kienu qaluli ħlima jdumux ma jsejħuli lura. Kien biss...

CALLUS

Għala dak il-bastun? X'għandek?...

BORG

(jinjoraha)

...Kien biss provediment temporanju. Tiftakar? Int stess kont ġejt tgħidli, "Provediment temporanju." U jien għadni hawn; tmien snin wara - u għadni hawn. Int kont tirċievihom l-ittri tiegħi, hux hekk?

CALLUS

L-ittri?... Sa fejn naf jien...

BORG

Kont nikteb aktar sikwit fil-bidu. Int però, darba biss weġibtni.

CALLUS

Imma *kont* weġibtek, hux?

BORG

Darba. Kont weġibtni darba.

CALLUS

Taf li jkolli x'nagħmel.

BORG

Iva, kont ilħaqt, naf. Wieħed mill-kbar sirt. Għalhekk kont nikteb lilek.

(iqalleb fil-kexxun)

Xi mkien hawn trid tkun.

CALLUS

Xiex?

BORG

L-ittra tiegħek. Kont żammejtha taf. Kieku ma kontx weġibtni mqar dik id-darba, ma nafx x'kont nagħmel kieku. Kont kważi ddeċidejt li nitlaq kollox hawn u nitla' Malta nkellimhom.

CALLUS

Iva, kont għedtli f'dik l-aħħar ittra.

BORG

Tiftakar! Imbagħad kont ktibtli - tiftakar mela! - bgħatt tgħidli biex inserraħ rasi - li kellek tgħini. Għamilt il-kuraġġ imbagħad. Kont kważi ċert li kontu nsejtuni, hawn, waħdi.

CALLUS

Insejniek? Mhux dejjem irċevejtha l-paga?

BORG

Il-paga? Iva, dejjem, minn daqshekk.

CALLUS

Mela allura, x'ridt iżjed? Ta' xogħlok kont qed titħallas. Kien hemm għalfejn tkompli tissikkani, ittra wara ittra?

BORG

Imma int kont taf li xtaqt niġi lura Malta. Għalhekk.

CALLUS

Bħal dak li qallu ħallejtni ninsa! Ittra wara l-oħra! Titlaq minn hawn - fuq hekk biss dejjem ittambar! U ma nafx għaliex imbagħad: li kont minnek kont inħossni kuntent intemm l-aħħar ta' ħajti hawn.

BORG

L-aħħar ta' ħajti?

CALLUS

Iva, insomma. Irrid ngħid mhux xi post ikrah hawn, xogħol wisq m' hawnx, u fuq kollox għall-kwiet u ħadd ma jdejqek!

BORG *iqalleb fil-kexxun.*

BORG

(mhux konvint)

Iva, minn daqshekk, hekk hu. Kultant, kultant qas aħna stess ma nintebħu meta nkunu ferħanin... kuntenti...

CALLUS

Qraba Malta hekk jew hekk ma kellekx...

BORG

X'ma kellix?... Hawn hi!

(joħroġ karta mill-kexxun)

Qed tara! Żammejtha!

CALLUS

L-ittra tiegħi?

BORG

L-aħħar li kont ktibtli! Hawn araha. Tiftakar x'kont ktibtli? Ħa aqraha!

CALLUS *jieħu l-ittra.*

Jagħtiha daqqa t'għajn u jitlaqha fuq il-mejda.

CALLUS

Niftakar.

BORG

(jerġa' jeħodha)

Kieku taf x'wens kienet għalija. Kont naf li int kont se tweġibni xi darba. Kont naf.

CALLUS

Taf? X'jiġifieri kont taf? Ma kelli ebda obbligu miegħek!

BORG

Iva, iva, Sur Callus, għandek raġun int. Irrid ngħid, kont naf li int kellek kuxjenza wara kollox. Dejjem kont timxi bil-ħaqq ma' kulħadd. Ma' min jaqdi dmiru speċjalment. U jien, dmiri dejjem kont naqdih. Għalhekk kont niktiblek. U meta mbagħad ktibtli hawn, f'din l-ittra, u wegħedtni li se tipprova tagħmel mill-aħjar biex jerġgħu jittrasferuni lura Malta, jien emmintek. Fdajt fik, Sur Callus.

CALLUS

Imma ma kont wegħedetk xejn jien – kont għamilthielek ċara li mhux minni kien

jiddependi...

BORG

Iva, naturalment. Imma jien, tal-anqas kelli dik it-tama.

CALLUS

...U fuq kollox, int Sur Borg ma tantx għamilt biex tgħinni. Meta kien ġie d-delegat tad-ditta ftit wara, xi snin ilu, ir-rapport tiegħu kien ftit u xejn sfavorevoli għalik.

BORG

Delegat? X'delegat?...

CALLUS

...Altru li sfavorevoli. ...Sentejn ilu! Tgħidlix qas biss tiftakar!...

BORG

Xiex?... X'niftakar! Jien kollox niftakar... Stenn! Qed tgħid, għal dak iż-żagħżugħ xagħru twil li darba bgħattu biex jiġbor il-kotba? Dak l-ispeċi ta' nofs ras?

CALLUS

Dak iva! *(iebes)* It-tifel ta' Mercieca! Kieku forsi ħadtu aħjar flok qgħadt taralu xagħru twil...

BORG

Tifel ta' min?...

CALLUS

Ta' Mercieca!... kieku forsi ma kienx jiġi jgħid dak li qal fir-rapport tiegħu.

BORG

X'rapport! X'qal?

CALLUS

X'tistenna? X'ma qalx għandek tgħid...

BORG

X'qal mela?

CALLUS

Qal li li int ma dħaltx fl-ispirtu tax-xogħol ġdid tiegħek. Fost affarijiet oħra.

BORG

Dak li qal?

CALLUS

...U li ma kontx qed tagħmel ħiltek kollha biex tambjenta ruħek.

BORG

Kif? Hekk qal? Imma jien - kif stajt nobsor? It-tifel ta' Mercieca kien mela?... Dak li kien jiġi jiksrilna għajnna meta bilkemm kellu ħames snin – jiġri bl-iskuter fil-kuruturi! U laħaq delegat! Fejn kont naf li dak kien delegat! Qas kieku għaraftu! Ħadd ma qalli xejn. U la qabel u lanqas wara!

CALLUS

Int tistenna dejjem li ħaddieħor jiġi jgħidlek! Imissek tintebaħ int fejn qed jonqos - fejn qed toqros lil ħaddieħor! Int imissek tintebah! U hawn - hawn! *(juri madwaru)* Jeħtieġ jiġi xi ħadd jgħidlek biex tinduna li mhux kollox sejjer

kif mixtieq?

BORG

Imma... af li, mhux tassew! Dak li ġie jgħidilkom dak il-qanfud... iż-żagħżugħ. Mhux tassew! Jien dejjem għamilt mill-aħjar! Niftaħ dal-maħżen mas-sebgħa u nofs ta' filgħodu - kuljum preċett - għal dawn l-aħħar tmien snin! Qatt ma fallejt jum!... Tista' tistaqsi 'l min trid! U int taf, Sur Callus, int taf, jiena hawn waħdi. Kollox fuqi ħallew. Ma jistgħux jiġu jgħiduli issa li ma qdejtx xogħli sewwa. Mhux issa - wara li ħallewni, hawn waħdi, bla ħadd ma jersaq 'l hawn. Mhux issa, wara das-snin kollha, nagħmel dmiri f'din... f'din l-istalla! - kif sejjaħtilha int - nagħmel dmiri kont jien iva, u nittama l-ħin kollu li xi ħadd, xi darba jiftakar fija. Sur Callus, int - int imissek tkellimt għalija - missek għedtilhom li jien qatt ma nqast lil ħadd fl-iċken ħaġa...

IL-ĦSEJJES MINN BARRA JOQORBU U JIŻDIEDU.

BORG *jgħolli leħnu dejjem aktar.*

BORG

...F'xejn! Assolutament għal xejn ma jistgħu jlumuni lili - int taf, Sur Callus! Kont tafni sew lili - hemmhekk, lura Malta, f'dak l-uffiċċju tagħna - kont tarani int, f'dik id-daqsxejn ta' rokna, kuljum rasi mgħaddsa fuq ix-xogħol, naħdem u nishar. Dejjem nobdi, naħdem u nishar, kont. Ħadd qatt ma seta' jgħid xejn fuqi. Dan jien - u int stess - tista' taħilfu! Għax huwa l-verità!

(jaqbad lil CALLUS *mill-qmis)*

U int tafu - int kont tafu, Sur Callus!

XENA 11. ĠEWWA. KAMRA TA' MAĦŻEN.

Il-bieb tal-maħżen jinfetaħ f'daqqa b'tisbita u jfeġġu t-3 ŻGĦAŻAGĦ.

1 ŻAGĦŻUGĦ

Ħoj hemm! Qomna Pawl jew!

(idawwar iċ-ċuqlajta)

Afli sebaħ, ja' bugħażż!

2 ŻAGĦŻUGĦ

(bejn b'żeblieh, bejn b'ċajt)

U kif qomna hemm, Sur Pawl? Kieku taf il-Mummy x'tifel imqareb għandha, eh!

*Ma jindunawx b'*CALLUS *wieqaf ħdejh il-mejda - moħbi mill-kaxex.*

2 ŻAGĦŻUGĦ

Fejn marritlek dik Lippina! Ħarbitlek hux, ja broxk!

BORG *iħaffef lejhom.*

BORG

X'ġara? Xi tridu? Morru, Bert.

3 ŻAGĦŻUGĦ

Aħna ġejna għalik, Pawl! Mela m'għadekx tafna issa jew?

BORG

Morru - morru ara. Darb'oħra...

2 ŻAGĦŻUGĦ

Għadha m'għaddhietlekx ta' lbieraħ, hux! Tibżax

- ejja magħna, Pawl! Malajr tgħaddilek!

BORG

Ma nistax. Morru ara, morru.

Jipprova joħroġhom 'il barra u jipprova jagħlaq il-bieb iżda jduru miegħu u ma jħalluhx.

I ŻAGĦŻUGĦ

U dan kif morru! Tgħidlix li ser tiftaħ illum, hux! Int għal magħna llum!

BORG

Għandi x'nagħmel... Morru.

2 ŻAGĦŻUGĦ

Ħallik mix-xogħol! Illum festa, Pawl! Ħadt gost magħna Ibieraħ le?! Tibżax, gost tieħu llum ukoll! Illum nerġgħu nagħmluha!

BORG

(jipprova jinħall minn magħhom, ħarsa lura, jara CALLUS *hux jisma')*

Le, morru ara - morru f'ġieħ kemm hemm! Ma niflaħx illum...

1 ŻAGĦŻUGĦ

U toqgħodx tintrema, Pawl! Żagħżugħ imqareb bħalek!

BORG

Morru - itilqu 'l barra qed ngħidilkom! Barra!

2 ŻAGĦŻUGĦ

Se tkeċċina jew! Taf x'int tagħmel hux! Qed

tinsulta ta' Santa Marija kollha!

1 ŻAGĦŻUGĦ

Ej! U tal-Ajkla wkoll!

2 ŻAGĦŻUGĦ

...Tinsulta r-raħal imbierek kollu fejn int mistieden tafx! Dak li qed tagħmel...

3 ŻAGĦŻUGĦ

U lilna ħadd ma jinsultana tafx! Ikollok tiġi, trid jew ma tridx!

BORG

Barra...

3 ŻGĦAŻAGĦ

(jisraq flixkun inbid)

Ejja. Pawl. Nagħmluk is-sultan tal-festa tagħna, dak li nagħmluk! Iva sultan ftit impaħpaħ...

2 ŻGĦAŻAGĦ

...Iżda bi ftit inbid malajr inqajmuk xi tgħid! U nbid malajr inġibu mhux hekk?

Waqt li l-oħrajn jippruvaw ikaxkru 'l BORG *'il barra, it-*2 ŻAGĦŻUGĦ *jidħol 'il ġewwa ħdejn il-kaxxa tal-inbid miksura, ikun se jieħu xi fliexken meta jintebaħ b'*CALLUS.

L-oħrajn fil-bieb għadhom ma ntebħux bih u jkomplu jissaraw.

CALLUS

*(joħroġ għan-nofs - lit-*2 ŻAGĦŻUGĦ*)*

X'se tieħu hemm, int? Itilqu minn idejk!

IŻ-ŻAGĦZAGĦ *fejn il-bieb jieqfu soptu.*

CALLUS

Ħalluh! U itilqu dawk il-fliexken!

Jagħmlu kif jgħidilhom - iżda jibqgħu fejn ikunu.

CALLUS

Barra issa! Barra!

2 ŻAGĦŻUGĦ

Oj, oj, hawn għandek ir-rinforzi, Sur Pawl!

1 ŻAGĦŻUGĦ

Dan mnejn inqala'?

CALLUS

Barra, għedtilkom!

3 ŻAGĦŻUGĦ

Isma', int min taħseb li int, hawn?

CALLUS

Barra!

3 ŻGĦAŻAGĦ

Barra kif? Mela krejtu hawn int, jew?

CALLUS

(joħroġ il-mowbajl minn ħobbu)

Jekk ma toħorġux 'il barra nsejjaħ il-pulizija. U nżomm lilkom responsabbli tal-ħsara kollha li saret hawn ġew ilbieraħ!

1 ŻAGĦŻUGĦ

Responsabbli ta' xiex?

3 ŻAGĦŻUGĦ

Xi ħsara?...

CALLUS *idawwar il-mowbajl fuqhom donnu se jibda jieħu r-ritratti jew vidjow.*

2 ŻAGĦŻUGĦ

Ara sieħeb, aħna m'aħna responsabbli taʾ xejn, orrajt!

CALLUS

M'għandix dubju!

2 ŻAGĦŻUGĦ

...u m'għamilna xejn taf. Kien aċċident, dak kollox.

1 ŻAGĦŻUGĦ

Accident, dak kollox!

IŻ-ŻGĦAŻAGĦ *jinfaqgħu jidħqu.*

2 ŻAGĦŻUGĦ

Ċajta. Għidlu int, Pawl — taf li aħna niċċajtaw konna.

BORG

Ċajta. Iva, ċajta.

CALLUS

Tajjeb, kienet ċajta. Issa itilqu 'l barra.

It-tliet ŻGĦAŻAGĦ *jibdew resqin lejn il-bieb.*

2 ŻAGĦŻUGĦ

U sejrin, sejrin! X'taħseb wara kollox, li pjaċir

tagħna noqgħodu kkakkmati hawn?

BORG

Morru l–aħwa — taqilgħux aktar għawġ.

2 ŻAGĦŻUGĦ

U mur ħudu int! Għax bħal dak li qallu lilek ridna aħna!

3 ŻAGĦŻUGĦ

Aħjar tajtna żewġ fliexken inbid oħra u ma konna noqogħdu niksrulek għajnek xejn!

L-oħrajn jidħqu — joħorġu fost tisfir u daqq ta' ċuqlajta.
BORG *pront jagħlaq il-bieb warajhom.*

IŻ-ŻAGĦŻAGĦ (O.S)

Għax ma tagħmilx mażra m'għonqok u mort taqbeż il-baħar! Biċċa ta' xiħ żmagat! A sakranazz! A ħaxxej!

BORG *jiġbor il-fliexken inbid li ħallew warajhom.*

BORG

Kienu... Kienu qed jiċċajtaw. Taf, int dawn iż-żgħażagħ, dejjem jiċċajtaw... Tihom iċ-cajt...

CALLUS

Jiċċajtaw. Qed nifhem jien, iva.

L-ISTORBJU BARRA JIŻDIED, IL-KAROZZA TAX-XALATA SEJRA. TISFIR, KANT, GĦAJJAT JITBIEGĦED.

BORG *idur lura mit-tieqa.*

BORG

Iħobbu jiċċajtaw.

CALLUS *fejn il-bieb, iħares 'il barra.*

BORG *ġewwa, ħdejn il-mejda, f'idejh l-ittra tas-*SUR CALLUS.

CALLUS *jidħol lura 'l ġewwa.*

CALLUS

Waqgħet ftit tal-paċi issa. Telqu l-ħbieb ċajtiera tiegħek.

BORG

Mhumiex. ...Ħbieb tiegħi. Insomma, mhux ħbieb eżattament.

CALLUS

Ħbieb tal-festa, tgħid int. Nifhmek.

BORG

Le, skużani, imma ma naħsibx li qed tifhimni, Sur Callus. Hawn jien m'għandix ħbieb.

CALLUS

Ħadd?

BORG

Ħadd. Qatt ma sibt ċans nagħmel ħbieb magħhom dawn in-nies. Ma nafx għaliex - qatt ma stajt niftiehem magħhom. U hemm ukoll ili huma dejjem skartawni. Ħaduni fuq demm id-dars. Injorawni għal kollox.

CALLUS

Forsi għax int injorajt lilhom.

CALLUS *iħares lejn il-mowbajl: ir-ritratti li għadu kif ħa:*

IŻ-ŻGĦAŻAGĦ f'atteġġjamenti diversi, ċajtiera, arroganti, theddid

fuq wiċċhom, eċċ.

BORG

Iva, forsi. Qatt ma stennejt li kien se jkolli ngħix magħħom das-snin kollha. Ma tajtx kas wisq x'qed jiġri madwari. Kont nistenna biss li ssejħuli lura Malta minn jum għal ieħor.

CALLUS

Jekk qatt ma ħadt ħsieb tiftiehem magħhom, ma tistagħġibx li spiċċajt biex antagonizzajthom. Nies sempliċi dawn forsi iva, imma l-indifferenza toqroshom ukoll.

BORG

Fejn bsart li se ndum daqshekk hawn? Kont ċert li se terġgħu tibagħtu għalija. Int stess kont bgħatt tiżgurani, Sur Callus.

CALLUS

Se nerġgħu? Jien kulma għedtlek li kont se nagħmillek mill-aħjar! Xejn iżjed!

BORG

Naf, iva. Imma jien - jien emmintek. Kont ċert li jekk tgħinni int - jekk tgħaddili kelma int, kienu jisimgħu minnek! Wara li tajt ħajti kollha għad-ditta... Kont ċert. Int ma tafx x'kien ifisser dan it-turufnament tiegħi hawn, Sur Callus, dik it-taqliba kollha f'daqqa, meta qas qatt biss ma kont nistennieha.Tatni ġewwa. Qalbitli ħajti ta' taħt fuq. Mhux tant għax ħallejt wisq warajja, lura Malta. Ma kien baqagħli ħadd dak iż-żmien...

CALLUS

Dik l-impressjoni li kelli...

BORG

...Imma le! Mhix raġuni! Ma kelli 'l ħadd veru, imma safrattant ma kontx imdejjaq! Anzi! Mid-dar għax-xogħol - mix-xogħol għad-dar - kultant xi ftit kaċċa. U sakemm kelli l-Ċesri...

CALLUS

Ċesri?

BORG

Ċesri... iżda kelli nħallih warajja. Imma ma tajtx kas wisq... għall-bidu, hekk jew hekk, kienu wegħduni li kont se nmur lura dalwaqt. ...U mbagħad miet – miet xahar biss wara li tlaqt jien.

CALLUS

Min?...

BORG

Ċesri. Il-kelb. Kelb tal-fenek... Ma jafux biex. Kulma bagħtuli r-ritratt tiegħu - mgħarraq fil-ġibjun fejn sabuh.

CALLUS

Il-kelb... Mgħarraq? ...Imma ngħid jien... Ma nistax nifhem – x'għandu x'jaqsam il-kelb tiegħek f'din l-affari! Int qed tagħmilhom bi kbar wisq ta! X'waħda din, donnhom eżiljawk f'xi gżira deżerta eluf ta' mili bogħod!

BORG

Imma - mela int għadek ma fhimtx. Agħdirni,

Sur Callus - imma għadek ma fhimt xejn! Jew inkella...

CALLUS

Inkella? Inkella xiex? Għid.

BORG

Inkella - inkella ma fehemtekx sewwa jien, Sur Callus. Ma fehemtekx sewwa le. Ara, jien kont lest li naċċetta li jibagħtuni mqar it-tarf l-ieħor tad-dinja bla ħafna tlaqliq kieku tawni raġuni...

CALLUS

Però kont taf li l-industrija nqalbet ta' taħt fuq...

BORĠ

..kieku mqar tawni raġuni...

CALLUS

...is-swieqi ġodda fl-Ewropa...

BORG

...U x'Ewropa! Dejjem tqabbżu l-Ewropa!... Skużani, ifhimni ftit, Sur Callus!... Issa tiġu bl-Ewropa!... Kieku... Ara, imqar kieku qaluli fiex inqasthom. Imqar dik! Imma hekk, ta' xejn b'xejn, bħal sajjetta fil-bnazzi... Ma stajtx naċċettaha le. Kienet inġustizzja – inġustizzja mill-kbar. Imma safrattant ġejt hawn, għamilt kif ordnawli, ħallejt kollox warajja u ġejt hawn. U ħallejt kollox f'idejk, Sur Callus. Int kont it-tama tiegħi.

CALLUS

Eh! F'idejja? U xi ħsibtni lili wara kollox? Jien

bħalek impjegat kont. Ma stajtx immur fuq is-Sur Mercieca, naħtfu minn għonqu u ngħidlu "Isma' int, hemm dak Borg xeba' Għawdex – ara ibgħat għalih qabel ma jagħmel xi biċċa minn tiegħu!" X'kull waħda! Nirraġunaw ftit...

BORG

(mismut)

Le, ma stajtx tgħidlu hekk le.

CALLUS

...Ħeqq! X'kull waħda!

BORG

Ma stajtx. Jien, iżda kont ħsibt li int...

CALLUS

Jien? Xiex jien?!

BORG

Le, xejn. Xejn.

CALLUS

Kieku mqar għamilt xi ħaġa int biex tgħinni. Imqar! Flok ħallejt biss kollox għalija! Prosit ħej! Kulħadd jaf jagħmel hekk. Mur obsor.

Pawsa

BORG *iħares lejh - iżda mhux lejn wiċċu.*

CALLUS

Xi stajt nagħmel jien jekk kull meta nsemmik mad-direttur kien iqarras wiċċu u jibdel id-diskors! U ma tagħtihx tort lilu lanqas. Dil-

fergħa t'Għawdex marret il-baħar kemm ilek hawn int. Mindu dħalna... *(jieqaf).* OK, Veru qatt ma kienet xi granché. Imma ma tagħtihx tort lilu lanqas.

BORG

Le, ma tagħtihx tort. Lanqas lilu. Tort tal-Ewropa mela... Iva, nifhimha. Nifhimha. Forsi kont iblah. Stennejt wisq. Ittamajt. Bqajt sal-aħħar nittama. U kien kollu għalxejn.

Iqum, jerġa' jsib il-bastun. Jibda miexi b'passi tqal lejn il-bieb ta' barra.

CALLUS

Fejn sejjer?

Ebda tweġiba.

BORG *ikompli miexi. Jieqaf. Donnu ma jafx fejn sejjer - x'se jagħmel.*

CALLUS

Kieku ma ħallejtx hawnhekk imur lura daqshekk – kieku mqar irnexxielek tagħmel xi ħaġa biex tfakkarhom fik. Tiktibilhom tal-anqas! Imħatra qas ktibtilhom darba lilhom?

BORG *ikompli jimxi. Jasal ħdejn il-bieb ta' barra. Jerfa' bagalja, idur, u jibda dieħel lura 'l ġewwa biha, il-kappell f'idu bil-bastun.*

CALLUS

(jigdeb)

Jien kieku ppruvajt, qed ngħidlek. Speċjalment meta rċevejt dik l-aħħar ittra tiegħek. Xtaqt kieku li jġibuk lura Malta. Qatt ma kelli xejn kontrik. Ippruvajt nistħarreġ kif kien sejjer in-

negozju f'din il-fergħa. Kull meta kont insib iċ-ċans kont inġib id-diskors fuqek. Ma stajt nikkonvinċihom b'xejn.

BORG *jasal ħdejh* - CALLUS *iwarrablu biex jgħaddi.*

BORG *jaqagħlu l-kappell.* CALLUS *jiġbru u jieħdu lil* BORG *li qed iqiegħed il-bagalja fuq il-mejda.*

CALLUS

(inewwillu l-kappell)

Ma tistax tlumni lili. Għamilt mill-aħjar.

BORG *iħares lejn il-kappell iżda ma jeħdux. Idur lura lejn il-bagalja u jibda jiftaħha.*

CALLUS *iqiegħed il-kappell fuq il-mejda.* BORG *imur iġib il-valiġġa l-oħra.*

BORG

Dawn il-valiġġi – temminni jekk ngħidlek li ilhom imsakkrin mindu ġejt hawn?

CALLUS

Minn meta?...

BORG

Hemm baqgħu, wara dak il-bieb. Provediment temporanju. Mhux dak li qaluli? Provediment temporanju...

Jitlaq il-bagalja. Ipoġġi fuq il-branda, rasu mgħaddsa bejn idejh.

CALLUS

Jisgħobbija. Ma kontx bsart li ħadtha daqshekk bi kbira. Mhux daqshekk. *(jieqaf, konfuż - imbagħad)* Min jaf, forsi meta jarawk, jekk

tgħidilhom dak li għedt lili issa. Ma titlef xejn tipprova. Għax ma tmurx tkellimhom int meta tmur?

BORG

Jien ma mmurx lura... Huma jridu jibagħtu għalija.

CALLUS

Naf. X'qed ngħidlek, issa li bagħtu għalik kieku tmur tkellem lis-Sur Mercieca malli tasal hemm, min jaf...

BORG

(jgħolli rasu)

Malli nasal hemm? Hemm fejn?

CALLUS

Lura Malta. Għax, infatti... dak li ridt ngħidlek. Iriduk tmur lura.

BORG

Xiex?

CALLUS

Dak li ridt ngħidlek...

BORG

Iriduni?... Immur lura! X'jiġifieri?! Huma bagħtu għalija jiġifieri?

CALLUS

Iva, għalhekk bagħtuni, biex ngħidlek u...

BORG

Tgħidli mmur lura? Trid tgħid li jriduni lura!?

Għax m'għedtlix qabel! *(iqum fuq saqajh)* Imbierek! U meta - meta għandi mmur? Tkellem!

CALLUS

Malli tkun tista'. M'hemmx għaġġla. Imma...

BORG

Mela nista' mmur illum stess! Issa! X'hin hu?!

CALLUS

Id-disgħa u għaxra. Imma qed ngħidlek, m'għandhomx għaġġla...

BORG

Imma jien għandi! Jekk għandix għaġġla! Jeħtieġ nilħaq tmien snin mitlufa minn ħajti!

Iqum, iħares madwaru mifxul ma jafx mnejn ser jaqbad jibda, imbagħad jgħaġġel lejn il-bieb ta' barra, jiġi lura biż-żarbun.

BORG

...Għandix għaġġla! Imissu m'għandix!

Jiġri lejn il-bieb - jiċċekkja l-ħinijiet tat-tluq fuq it-timetable.

Idur lura u jmur ipoġġi mal-branda jilbes iż-żarbun.

CALLUS

Il-vapur baqagħlu vjaġġi llum! Jistenniek.

BORG

U jien nistennih, tiħux ħsieb – stennejt tmien snin mhux se nistenna ftit minuti?

(iqum - iħares lejn il-qmis li għandu fuqu)

Din - din jeħtieġ inbiddilha. Ma nistax immur

hekk. Mingħalija kelli waħda...

(idur fuq il-valiġġi)

Le - mhux f'din.

(jaħtaf l-oħra)

F'din, taħt il-paġama, trid tkun.

(jiftaħ il-valiġġa)

Hawn hi! Qed tara, għadni niftakar! Bqajt niftakar - bqajt niftakar jew ma bqajtx!

(ibiddel il-qmis ta' fuqu - jorbot l-ingravata)

M'għandix oħra. Malli nasal nixtri oħra... Iżda... X'ħin hu?

CALLUS

Id-disgħa u għaxra.

BORG

...Għadhom u għaxra!

Jitfa' l-ġlekk fuqu, il-kappell ukoll donnu jiġih ftit wiesa'. Iġebbed il-pavru tal-ġlekk biex jara kemm naqas. Jidħaq.

BORG

Servew għal xi ħaġa dawn is-snin! X'jidhirlek? Għadhom jiġuni iżda, le?

CALLUS

(bilkemm iħares, ħosbien)

Passabbli.

BORG

Il-leħja, naturalment...

(iħoss leħjietu)

Iżda għandi ċans naqbeż s'għand Frans. Jekk

fetaħ illum... Min jaf marx għax-xalata hu wkoll.

Jerfa' l-bagalji, lest biex jitlaq.

BORG

Ma jimpurtax – għalija l-festa tibda mil-lum! Illum.

*Ikun ser jaqbad jimxi biex joħroġ meta jiftakar f'*CALLUS – *idur lura.*

BORG

Skużani, kont se ninsa, Sur Callus. Int m'intix se tinżel lura issa hux?...

CALLUS

Malta?... Mhux għalissa. Kont se nibqa' hawn xi ftit jiem. Għal btala...

BORG

(jaqtagħlu)

...Mela, nista' nħalli ċ-ċwievet miegħek, hux hekk?

Ipoġġi l-valiġġi fl-art, jgħaġġel imur ifittex iċ-ċwievet minn fuq il-mejda.
Isibhom u jagħtihom lil CALLUS.

BORG

Hawn, f'idejk mela. Jiena sejjer.

CALLUS

Stenna ftit!

BORG

(ħerqan biex jitlaq)

Għidli.

CALLUS

Int... Int ħsibt x'ser tgħidilhom?

BORG

Xiex? Lis-Sur Mercieca? Iva - naħseb. Xi ħaġa ngħidilhom. Hekk jew hekk, ikolli ċans naħseb xi ħaġa sa ma nasal.

(jagħti xi pass biex jitlaq)

Min jafx fetaħx Frans illum...

CALLUS

Min jaf kieku?...

BORG

(ikompli, fuq kliemu)

...Hekk jew hekk, jien ma se nitlobhom xejn għajr li jagħtuni lura x-xogħol li kelli qabel. Xejn aktar. Mhux qed infittex xi sodisfazzjon ieħor. Basta jeħduni lura.

CALLUS

Iva - imma stenna ftit...

BORG

M'għandhomx isibu diffikultajiet. L-aħħar li smajt il-fergħa ta' Malta kienet qed tespandi. Altru milli Ewropa! Għandhom isibu post għalija wkoll. Infehemhom - jeħtieġ li nfehemhom. Dan is-servizz twil li tajthom - mhux ser jinsewh kif ġieb u laħaq. Ħaddieħor kien forsi jistenna li jlaħħquh xi ħaġa. Jien le iżda - basta jtuni xogħli lura. Mhux għax kont sejjer niċċadha jekk jagħtuni promotion, imma, jien diġà kuntent bix-xogħol li kelli qabel. – Qed

isir il-ħin. Saħħa, Sur Callus, grazzi ta' kollox.

CALLUS

(ma jafx kif jaqbad jgħidlu)

Saħħa. Però, stenna ftit. Irrid ngħidlek...

BORG

Jeħtieġ immur - irrid ngħaddi s'għand Frans. Għadni ma qaxxartx il-leħja.

CALLUS

Ikollok ċans tqaxxarha! M'hemmx għalfejn taħrab! Stenna ftit!

BORG *jieqaf, idur maħsud.*

CALLUS

(jikkalma bi sforz)

M'hemmx għaġġla, qed ngħidlek. U fuq kollox... fuq kollox għadni m'għedtlekx kollox.

BORG

M'għedtlix? X'm'għedtlix?

CALLUS

Mhux kollox. Mela int ħallejtni!... Agħtih ċans jitkellem bniedem!

BORG

Skużani. X'ridt tgħidli aktar?

CALLUS

Għamilt vjaġġ ta' sagħtejn u int bilkemm tħallini niftaħ ħalqi! L-affarijiet mhux hekk! Din ħaġa serja, Sur Borg. — Iva, irrid ngħid, ħaġa serja

iva. Tagħmilhulix aktar tqil dmiri.

BORG

(iniżżel il-bagalji)

Dmirek? — Xiex tqil? Xi trid tgħidli mela? Għidli, qed nisimgħek.

CALLUS

(imbarazzat)

Ridt ngħidlek... Qabel xejn, ridt ngħidlek li jien, li lili, bagħtuni hawn biex ngħidlek...

BORG

Għidli...

CALLUS

...Jien wara kollox sempliċi messaġġier f'din l-affari. Ma kellix x'naqsam. Id-deċiżjoni huma ħaduha. Qas biss ikkonsultawni lili. Irridek tifhem. Jeħtieġ li tifhem!

BORG

X'nifhem?

CALLUS

Ara, l-aħjar wieħed jitkellem ċar. Fuq kollox aħna t-tnejn m'aħniex tfal. It-tnejn li aħna rġiel maturi - kważi xjuħ, biex ngħid hekk. U wieħed jifhimha, meta naslu għal din l-età hemm ċertu... ċerti fatti...

Jiġbor il-bastun li BORG *kien telaq fl-art - donnu aktar biex jirbaħ ftit żmien - biex isib kif għandu jgħid dak li se jgħid.*

BORG

Ċerti fatti?...

CALLUS

...Fatti li ma nistgħux naħarbuhom.

(jersaq u jnewwillu l-bastun)

Iż-żmien – iż-żmien – jgħaddi għal kulħadd. Kulħadd, xi darba jew oħra jkollu jasal għal dan il-waqt…

BORG

X'waqt hu?

CALLUS

Dan il-waqt. Insomma, f'ġieħ kemm hemm naħseb li fhimt x'irrid ngħid!

BORG

Le. Ma fhimtx – skużani, Sur Callus. Ma fhimtx.

CALLUS

L-età, f'ġieħ kemm hemm! Irrid ngħid ara, meta wieħed jilħaq ċerta età – ikollu kemm ikollu l-ħegġa u r-rieda għax-xogħol – jasal iż-żmien meta jkollu... jieqaf.

BORG

Jieqaf? Mix-xogħol?

CALLUS

Ħaġa normali wara kollox. Ix-xogħol mhux xi ħaġa ta' gost! Nafuha din! Anzi! *(jisforza daħqa)* Ilkoll kemm aħna nħarsu lejn dak il-jum li nerfgħu u noħorġu bil-pensjoni. Kulħadd irid...

BORG

Il-pensjoni?

(jersaq fuq CALLUS*)*

Il-pensjoni għedt? Il-pensjoni. Għalija qed tgħid? Jien? Bilkemm għalaqt sittin?...

CALLUS

Naf, għalhekk, se jtuhielek kmieni. Mhux tajjeb jew?...

BORG

Kmieni! Bil-pensjoni?... Imma ma jistax ikun! Għedt int stess li bgħatu għalija... / Iva, bagħtu għalija... Għalhekk mela? Għalhekk biss? Biex jgħiduli li issa m'għadx għandhom bżonni iżjed? Għalhekk hux! Għalhekk! Tkellem!

Jarmi l-bastun bil-herra.

CALLUS

Jiddispjaċini. Ma xtaqtx li nkun jien li nagħtik l-aħbar.

BORG

Mela s'hawn kellna naslu. Wara li tajthom kollox - wara li tajthom ħajti - fdajt fihom... fdajt fik. Għalhekk mela. U jgħidulek - jgħidulek agħti lil Ċesri dak li hu ta' Ċesri... hux hekk jgħidulek? U jien, baħnan li kont, jien tajtu kollox! Kollox tajthom - ħajti kollha - xogħli għomri u żmieni.

Wieqaf quddiem il-bieb ta' barra - is-Santi tal-mejtin quddiemu.

BORG

Baħnan iva. Jien il-baħnan. X'baqagħli nagħmel issa? Nagħti lil Alla dak li hu ta Alla dak li baqagħli nagħmel issa?...

CALLUS

M'iniex nifhmek.

BORG.

...Issa li Ċesri ħadli kollox - nagħtih ħajti lura wkoll? Nagħtih dak li fadal minn din ħajti baħnana lil Alla?... Dak li fadalli nagħmel? Lil Alla?...

Iċarrat waħda mis-Santi. Imbagħad oħra bil-herra.

BORG

(idur fuq CALLUS *f'daqqa)*

Mela għalhekk ftakru fija issa. L-aħħar ċajta tagħhom din, hux hekk?

CALLUS,

Jiddispjaċini... Għaliex ċajta?

BORG

Ċajta! Ċajta oħra! Kontu tħobbuh intom iċ-ċajt f'dak l-uffiċċju, mhux hekk? Ċajt! Ċajt sabiħ iva!... Mhux l-ewwel darba li kontu tagħmluli xi ċajta lili, mhux hekk? Xi pinn fuq is-siġġu, xi ġurdien fil-but tal-ġlekk. Melħ flok zokkor fit-te... Kollox biċ-ċajt. Kemm kontu tħobbu tagħmluhielu ċajta lix-xwejjaħ Pawlu, hux hekk? Hekk jew hekk, dak qatt ma jgħid xejn, mhux hekk?

CALLUS

M'iniex nifhmek.

BORG

Le, hux? — Aqtagħha ta' m'iniex nifhmek!

Aqtagħha trid! *(akkuża)* Għaliex ġejt int biex tagħtini din l-aħbar sabiħa? Għaliex proprju int!

CALLUS

Għedtlek, bagħtuni...

BORG

Imma għaliex propju int! Kellek tkun propju int! Int! Fiha ċajta, iva!

(jidħaq, iżda aktar qisha karba).

CALLUS

Jisgħobbija, ma kontx naf.

BORG

Jisgħobbik issa, hux? X'ma kontx taf! Min jaf kemm iddiħaqtu bija iżda, hux hekk? B'dak il-baħnan ta' xiħ jistenna bil-bagalji wara l-bieb – baħnan jistenna għal tmien snin sħaħ biex tibagħtu għalih biex jiġi lura! Jistenna, biex imbagħad tagħmlulu l-aħħar ċajta! Il-pensjoni! U mbagħad tiġi tgħidli li jisgħobbik. Int! Tiġi tgħidhieli proprju int!

CALLUS

Għaliex le! Isma', fuq kollox jien għamilt mill-aħjar...

BORG

Ħa! Ħa!!! Tarax! Int! Int għamilt mill-aħjar, iva, imma biex bagħtuni hawn! Għalhekk għamilt mill-aħjar, int l-ewwel wieħed! Minħabba fik ninsab hawn jien! Ara taħseb li ma nafx!

CALLUS

Eh, isma', issa ż-żejjed...

BORG

Int kont qed ngħidlek! Naf x'jien ngħid! Ma kontx taħmilni int. Qatt ma kont taħmilni! Kemm domt maʾ wiċċek fʾdak l-uffiċċju ma rajtx ħlief ħars qares mingħandek! U għaliex, imbagħad?... Għaliex... Imma int taf għaliex, hux hekk? Taf tajjeb!

CALLUS

Qed thewden!

BORG

...Taf! Ħtija tiegħek!... U issa, issa ġejt hawn timpusturani - trid tibqaʾ timpusturani sal-aħħar! Għamiltli mill-aħjar iva, int.

(jaħtfu mill-ġlekk)

Biex taqlagħni ʾl barra mill-uffiċċju imma - dak li għamilt int!

CALLUS

(jimbuttah lura)

Int xrobt! Miġnun! Kellhom raġun! Aktar ma jibgħatuk bil-pensjoni malajr aktar aħjar għalik!

(ikompli jimbuttah lura
sakemm BORG *jispiċċa fl-art)*

BORG

(fl-art)

Barra – itlaqli ʾl barra.

CALLUS

Biċċa taʾ xiħ - iblah kont u iblah bqajt! X'għandhom bżonnok lilek?

BORG

(jheżżeż sninu - feroċi)

Barra!

(iteftef madwaru jfittex il-bastun ftit bogħod minnu - minflok isib flixkun. Iqum, xejn sod fuq saqajh)

Barra!

CALLUS *jibda jiġbed lejn il-bieb.*

BORG

(jersaq għal fuqu, il-flixkun f'idu)

Barra! Itlaq. Itlaq qabel... qabel...

CALLUS

(jinġibed aktar lura)

Neħħi dak il-flixkun. Għadni m'għedtlekx...

BORG

(jgħolli l-flixkun, donnu se jwaddabhulu)

Għedtli kollox! Għedtli biżżejjed! Barra!

CALLUS, *mument ta' indeċiżjoni, imbagħad ibewweġ 'il barra*

Il-bieb tar-remissa JINSTABAT WARAJH.

BORG, *għadu indimunjat, idu mtellgħa bil-flixkun.*

BORG (O.S.)

Biżżejjed! Għedtli biżżejjed!

IL-FLIXKUN JITKISSER F'ELF BIĊĊA MAL-BIEB.

XENA 12. BARRA. QUDDIEM IL-BIEB TAL-MAĦZEN – FILGĦAXIJA.

Xkupa u pala qegħdin jiġbru l-ħġieġ imkisser fl-art.

IL-MARA *qed tiknes l-għatba. Il-bieb tal-maħżen miftuħ.*

XENA 13. ĠEWWA. IL-MAĦŻEN – FILGĦAXIJA.

Il-kamra kważi fid-dlam.
Dawl tal-lejl mit-tieqa u l-bieb imbexxaq fejn tidher IL-MARA *tiknes.* BORG *mitluq fuq il-branda, il-bagalji mitluqin addoċċ mal-kamra. Il-kappell fl-art. Żdiedu xi żewġt ifliexken oħra mal-art, wieħed nofsu mimli ħdejn il-branda.*

Għadira kbira ta' likwidu skur (inbid) mifrux kull fejn tara fl-art.

Santi tal-mejtin mgħarrqa taħt l-inbid f'ħoġor il-bieb.

XENA 14. BARRA. QUDDIEM IL-BIEB TAL-MAĦŻEN – FILGĦAXIJA.

CALLUS *riesaq lejn il-maħżen.*

IL-MARA *tinduna bih ġej u tinġibed lura, donnha trid taħrab.*

CALLUS

Int min int?

IL-MARA *tinġibed aktar lura.*
Wiċċ IL-MARA *- fattizzi ta' mara pjuttost orjentali, toppu miġbud, għajnejn azjatiċi mġebbdin, iżebbġu, bejn imbeżżgħin bejn bi sfida - diffiċli tgħid l-età tagħha.*

CALLUS

(eqreb - hekk kif jersaq biex jidħol)

X'int tagħmel hawn?

IL-MARA

(tinġibed lura - aktar 'il ġewwa,
titlaq l-ixkupa u l-pala wara l-bieb.)

Andrada.

CALLUS

X'int tgħid?

CALLUS *iħares. jgħarrex ġol-maħżen ifittex il-figura ta'* BORG *mimdud fuq il-branda, jibda jsegwi s-serbut likwidu li jidher wasal kważi sal-għatba...*

IL-MARA

(kważi bi sfida)

Pocholo! Andrada Pocholo...

...hekk kif CALLUS *jilmaħ is-sors: bettija mimduda, il-vit miftuħ u minnu nieżel igelgel is-serbut likwidu li qed jinfirex ma' kullimkien.*

IL-MARA

(aċċent)

...Jisimni.

CALLUS

(fuq kliemha)

Xi l-qaħbeċ!

CALLUS *iħaffef 'il ġewwa lejn il-bettija, jinżel għarkupptejh u jagħlaq il-vit*

...IT-TISBITA TAL-BIEB TA' BARRA JINGĦALAQ.

Baqa' biss id-dawl tat-tieqa.

CALLUS *iqum, iħares lejn il-bieb jipprova jerġa' jsib fin-nofs dalma lill-*MARA.

Iżda din sparixxiet.

CALLUS

Ħej!

Skiet.

Sa fl-aħħar idur lura u jersaq bil-mod lejn BORG.

Jasal ħdejn BORG *barra minn sensih fuq il-branda. Iħares lejh għal ftit, imbagħad imur ipoġġi mal-mejda.*

Joħroġ mill-but iċ-ċwievet li kien taħ BORG *u jqegħedom lura fuq il-mejda. Josserva l-fliexken vojta u l-għadira likwidu tiksi l-art.*

Wurdiena titlajja wara l-bettija.

Għajjien, CALLUS *jagħlaq għajnejh u jitlaq rasu lura.*

Xi waqtiet ta' mistrieħ, sakemm iħoss il-purtiera tħaxken wara rasu. Ħasibha xi wurdiena. Idawwar rasu, jwarrab attent il-purtiera xi ftit. Meta jiżgura ruħu li m'hemmx wurdien ikun se jħalli l-purtiera taqa' lura, meta jintebaħ li hemm bieb warajha. Kurjuż, jerġa' jġerri u jiftaħ il-purtiera.

Warajha hemm bieb tal-fagu ta' kwalità wisq aktar tajba u reċenti mill-bqija tal-maħżen. Dejjem bilqiegħda, CALLUS *jipprova jdawwar il-pum, iżda jsibu magħluq. Ifarfar it-trab minn idu, iħares madwaru għaċ-ċwievet. Isibhom fejn qiegħed il-muftieħ tal-maħżen. Idaħħal ċavetta żgħira fis-serratura. Idawwarha, il-bieb jinfetaħ.*

Daqqa t'għajn ħafifa lejn BORG *fuq il-branda, imbagħad* CALLUS *iqum, jiftaħ il-bieb u jidħol.*

XENA 15. ĠEWWA. L-APPARTAMENT.

CALLUS *jinżel tarġa u jimxi fid-dlam, iteftef ma l-ħajt bi ex isib xi swiċċ tal-elettriku. Joħroġ l-iPhone u juża d-dawl tiegħu sakemm isib bieb li hemm fuq wieħed mill-ħitan faċċata jagħti fuq barra. Jiftħu.*

Id-dawl bajdani ta' lejla sajfija jinfirex mal-kamra: kamra nadifa, mgħammra sempliċi, b'sodda mifruxa pulita f'rokna, u fann tal-elettriku fuq stand qrib tagħha. Iżda l-biċċa kbira tal-għamara l-oħra hija mgħottija bid-drapp, xhieda li l-kamra ilha żmien twil ma tintuża.

IS-SIKTA. Dawl bajdani ta' filgħaxija jinfirex fuq il-bċejjeċ ta' l-għamara mgħottijin - id-dellijiet tagħhom mifruxin mal-art u mal-ħitan - spettri ħiemda, reqdin.

CALLUS *iħares madwaru, ma jridx jemmen lil għajnejh.*

L-id tirtogħod ta' BORG *tfittex mal-koxxa tal-bieb ta' ġewwa l-appartament sa ma ssib swiċċ.*

Taħt is-saqajn ħafja ta' BORG jinżel bil-mod serbut inbid li jitkaxkar 'l isfel mat-tarġa.

Tinxteġhel bozza f'nofs il-kamra li tikxef lil CALLUS *qed jiġbed lura d-drapp minn fuq pultruna li tidher qisha ġdida.*

Iħares maħsud lejn BORG *mistrieħ ma' ħoġor il-bieb.*

BORG

Erġajt int? Tmiss xejn.

CALLUS *jitlaq id-drapp li jaqa' lura u jgħatti l-pultruna.*

BORG

Allura, x'jidhirlek? Issa rajt kollox naħseb.

(iżda leħnu rassenjat – għajjien għall-aħħar)

Tista' tgħidilhom meta tmur lura - għidlihom li hawn ġew tal-anqas ma saritx ħsara. Kollox kif sibtu ħallejt.

CALLUS

Ma nistax nifhem. Dil-kamra – din tagħmel mal-maħżen ukoll?

BORG

Tagħmel mal-maħżen, iva.

(juri lura mill-bieb warajh)

Hemm ġew. hemm il-maħżen, il-post tax-

xogħol, u hawn, hawn l-appartament fejn ngħix jien. Suppost.

(iħares lejn il-bozza)

Qas kont nobsor li għad hawn il-kurrent hawn ġew...

CALLUS

Imma int – int m'intix tgħix hawn mela?

BORG

Ngħix hawn?... Le Ħadd ma daħal hawn ġew kemm ili hawn. Lanqas jien.

CALLUS

Għaliex? Stajt tużaha. La tawhielek mal-maħżen.

BORG

Ma ridtx. Jien qatt ma ridt ngħix hawn. Għadek ma fhimtx? X'ridtni nagħmel niġi nippoppa ruħi hawn - kuntent bl-eżilju? Mejjet? Xogħol fil-maħżen bagħtuni biex nagħmel. U dak nagħmlu. Imma ma ridt xejn aktar mingħandhom jien.

CALLUS

Ma nistax nifhem.

BORG

Tassew? Imma safrattant, imissek tifhem. Tal-anqas int. — Sabiħa dil-kamra, hux? Aktar komda minn dik ir-rokna maħmuġa fil-maħżen. Lejla bħal din, imbagħad, tidħer isbaħ, Iż-żiffa friska tal-lejl, id-dawl ta' qamar...

Imur ħdejn il-bieb miftuħ - lemħa ta' daqsxejn ta' ġnien imħarbat għad-dawl ta' qamar.

L-GĦANA TAL-IWRIEŻAQ.

BORG

...Iva, sabiħa. Hekk kont nistħajjilha, hemm ġew, mitluq fuq il-branda, fis-sħana u l-għomma tal-lejl, xi wurdiena żżommli kumpanija, nikkuntenta ruħi nismaʾ l-għana tal-iwrieżaq. Iva, hekk kont nistħajlu l-lejl hawn ġew.

CALLUS

Sabiħa. U safrattant webbist rasek. Bqajt imrekken hemm ġew, meta stajt tiġi hawn.

BORG

Ma stajtx, le! Jien lili qaluli li kien biss provediment temporanju meta bagħtuni hawn... Insejt?

CALLUS

Erġajna?

BORG

...Qaluli li ma kellix indum!

CALLUS

Imma sakemm tistenna stajt tal-anqas...

BORG

Ma stajtx, le! Ma stajtx! Ħares ʾl hawn u tifhem!

Imur lejn ħajt tal-kamra, iressaq purtiera li tikxef tieqa.

Jiftaħ il-purtelli.

Taħt it-tieqa hemm siġġu u skrivanija, maġenbhom kabord għoli.

Fuq l-iskrivanija, senter tal-kaċċa, milwi tnejn, skartoċċ ħdejh u ftit lilhinn minnu kwadru mdaqqas tal-Qalb ta' Ġesu.

Imdaħħal bejn il-ħġiega u l-gwarnić hemm ritratt:

BORG*, għaxar snin iżgħar, tbissima paċifika fuq wiċċu, bilqiegħda fuq bank f'bitħa, kelb tal-fenek f'ħoġru u maġembu senter - l-istess senter li hemm fuq l-iskrivanija.*

BORG *imur lura lejn* CALLUS*, idawru minn spalltu, jurih ir-rokna tal-kamra.*

BORG

Ħares. Dik ir-rokna, dak is-siġġu u l-iskrivanija. Ħares! Qed tara. Tiftakar? Għidli, fiex tfakkrek dik ir-rokna?

CALLUS *iħares u jibda jifhem. Jipprova jinġibed lura mill-ħatfa ta'* BORG.

BORG

Qed tifhem issa, hux? Dik ir-rokna taħt it-tieqa - Ir-rokna tiegħi! Tiftakar iva - kif tista' ma tiftakarx? - hemm, f'dak l-uffiċċju tagħna, flimkien - ir-rokna tiegħi. Tiegħi! U lkoll li intom tgħiru! Tgħiru għalija - għalija u dik id-daqsxejn ta' rokna taħt it-tieqa! Ma kontux taħmluni, naħdem hemm, ħiemed, nagħmel xogħli bla ma ndejjaq lil ħadd. Bilkemm kont niftaħ fommi. Imma intom ma ħmiltunix. Għalhekk dak iċ-ċajt goff miegħi, dak iż-zeblieħ. Imma xi ħtija kelli jekk kont l-ixjeħ wieħed fostkom u fl-aħħar kien irnexxieli nikkappara dik l-aħjar rokna tal-kamra! U safrattant ma kontx ħadtha kontriekom. Kont hieni hemm - kont kuntent sa fl-aħħar. Kont nipprova ngħadirkom, ma nagħtix kaskom. Imma tiegħek missni tajt kas,

hux hekk, Sur Callus! Tal-anqas kien imissni nagħti kas tiegħek!

CALLUS

X'int tħawwad! Lilek jien qatt ma fħimtek. Kellek fissazzjoni fuq dik it-tieqa!

BORG

(ixengel rasu, mhux konvint)

Le, missni tajt kasek jien. Missni iva. Għalfejn kieku bgħattuni hawn lili, jekk ma kellkom xejn kontrija? Għadni sal-lum ma sirtx naf għalfejn. Għidli int, issa għalfejn. Jekk mhux għax... — Le, int ma se tammetti qatt. Imma tifhem hux għala ma stajtx nidra ngħix hawnhekk? Hawn taħt dik it-tieqa. Kien ikun l-istess bħal meta kont Malta. Forsi stajt inkun hieni hawnhekk ukoll kieku rrassenjajt ruħi; kieku ppruvajt ninsa... Imma ma stajtx! Ma stajtx u ma ridtx! Hawn ma kienx posti. Jien qgħadt fuq kliemkom - Kellkom issejħuli lura fi żmien qsir. Tawni kelmthom - u jien qgħadt fuq kelmthom. Kif ridtni ma noqgħodx fuq kelmtkom - ridtuni li naħseb li kienet qed issir inġustizzja inkella? Le, jien qgħadt fuq kellmkom. Intom kellkom tibagħatu għalija fi żmien qasir – X'kien hemm għalfejn niktibilhom biex isejħuli lura, jekk huma wegħduni li jsejħuli lura?... Kelli bilfors noqgħod fuq kelmtkom. Inkella...

CALLUS

Lili, iżda, kont tiktibli. Għaliex? Għaliex lili?

BORG

Għidli - għaliex bagħtuni hawn lili? – M'hemmx

tweġiba, hux hekk? Tajjeb. Mela jien, kif tara, bqajt fuq kliemkom. Għalhekk bqajt nistenna. U ħlift li ma nidħolx f'dil-kamra kemm indum hawn – u li ma niftaħx dawk il-valiġġi. Hekk jew hekk, provediment temporanju kellu jkun, le? Kelli nrażżan it-thewdin ta' moħħi - l-alternattiva kienet iebsa wisq. Allura għażilt li nimxi fuq kliemkom – għax jew nimxi fuq il-loġika ta' kliemkom - jew naċċetta inġustizzja.

BORG *imur lejn l-iskrivanija – jaqla' r-ritratt mill-kwadru .*

BORG

Dakinhar li qaluli li miet Ċesri – dakinhar dħalt hawn... u poġġejt hemm, is-senter quddiemi. U domt hemm... Nipprova nsib il-kuraġġ biex nagħfas il-grillu... Domt... Imma sa fl-aħħar ma nafx kif, ħriġt, sakkart il-bieb u qatt aktar ma rġajt dħalt. Għax inkella – kieku erġajt dħalt... Inkella... inkella ma kontx ċert li nerġa' noħroġ minn hawn... Tlumni għax għażilt tal-ewwel? Għażilt naċċetta li noqgħod fuq kliemkom... U naċċetta l-inġustizzja?

Iva, issa forsi, nifhem li għażilt ħażin. Issa nifhem, iva. Ma kienx provediment temporanju. Ma bgħattux lura għalija. Ma żammejtux kelmtkom. Ikolli mela naċċetta l-alternattiva l-oħra. L-inġustizzja.

Jgħaddu d-DWAL TAL-KAROZZI minn ħdejn id-daħla tal-ġnien - KANT TAX-XALATURI ĠEJJIN LURA.

CALLUS

U issa? X'se tagħmel?

BORG

Ħares. Ġejjin lura mix-xalata. Ukoll l-għada talfesta wasal biex jispiċċa.

STORBJU TAX-XALATA. BORG IĦARES BARRA SAKEMM JIEQAF L-ISTORBJU.

BORG

(ixengel rasu, donnu ma jridx jemmen dak li ġralu jew li qed jara)

X'affarijiet ukoll.

BORG *jersaq lejn il-fann ħdejn is-sodda. Jixgħel is-swiċċ. Il-fann jibda jdur bil-mod, imma jibda jisslowja sakemm jieqaf.*

BORG *jitfi s-swiċċ.*

CALLUS

X'se tagħmel, issa?

BORG

X'qaluli nagħmel? Immur lura, mhux hekk? Immur. Naraw did-darba x'jgħidu. X'għandhom xi jgħidu.

CALLUS

U llejla, se tibqa' hawn?

BORG

M'hemmx għaġġla, mhux hekk qalulek?

CALLUS

Le, minn daqshekk. — Int se torqod, hemm ġew? *(juri lejn il-maħżen).*

BORG

(idur iħares lejh mill-bieb)

Bħal dejjem. Hekk jew hekk, billi ngħaddi lejl ieħor hawn... - Għaliex trid taf?

CALLUS

Għax jien għedt - għedt se ngħaddi l-lejl hawn jien ukoll. Sakemm tmur...

CALLUS *ixengel spallejh. Jersaq lejn is-sodda, jinżaʾ l-ġlekk u jiġbed il-kutra lura.*

BORG

X'int tagħmel?

CALLUS

Jew jekk trid norqod fuq is-sufan. *(Ipoġġi fuqu)*

BORG

Qum minn hemm! Hawn ħadd ma jmiss xejn! Sakemm nibqaʾ hawn jien, xejn ma jiċċaqlaq minn dil-kamra. Kollox kif sibtu se nħalli.

Jerġaʾ jiġbed lura l-kutra tas-sodda – imur jagħlaq it-tieqa u jitfi d-dawl bil-ħeffa.

CALLUS *iħalliħ jagħmel għal ftit, imbagħad jerġaʾ jdur lejn is-sodda u jiġbed lura l-kutra. Ipoġġi fuq is-saqqu.*

CALLUS

Titbellahx. Issa tard wisq. Il-festa spiċċat, insejt? Int għedtu. U spiċċat għal kulħadd.

BORG

Xi trid tgħid?

CALLUS

L-isbaħ ċajta għadek ma smajthiex. M'għedtlekx

għadni, le. Imma minn daqshekk, int qatt ma tħallini ngħid lili. Iva, għad baqa' l-isbaħ ċajta x'ngħidlek.

BORG

(ma jifhimx)

Qum minn hemm. Ma rrid nisma' xejn aktar mingħandek...

CALLUS

Din iċ-ċajta però tieħu gost tismagħha. Isserraħ qalbek forsi wkoll. — Taf min ġej biex jeħodlok postok, f'din l-istalla? Ma tobsorx. — Tajjeb, ngħidlek. Jien. Se jibagħtu lili! — Iva, lili. — Ċajta sabiħa, hux? Int titlaq minn hawn, u niġi jien.

BORG

Int?

CALLUS

Jien.

BORG

Imma int - int kont ilħaqt kważi manager! Kif se jibagħtuk hawn? Int kont... kont...

CALLUS

Kont. M'għadnix iżjed, kif tara. Sabu li m'għandhomx bżonni aktar. U bagħtuni hawn, sakemm nasal għall-pensjoni jien ukoll. U jagħlqu hawn - jagħlqu kollox darba għal dejjem.

BORG

Għalhekk bagħtuk mela.

CALLUS

Riedu jeħilsu minni. Semmejt l-inġustizzja l-ewwel. Tajjeb, forsi issa tintebaħ li f'din id-dinja ukoll hawn xi sura taʾ ġustizzja.

BORG

Sura taʾ ġustizzja...

CALLUS

Ir-rota ddur...

BORG

U int, int tispiċċa hawn - bħali. Int!

(kważi b'nofs daħqa taʾ stagħġib)

X'affarijiet ukoll!

CALLUS

Tieħu gost, hux? Ħsibtu jien.

BORG

Le - Mhux gost dan tiegħi.

CALLUS

...Iċ-ċirku dar dawra sħiha.

BORG

...U lanqas ġustizzja mhi. Ma nafx. Imma ħaġa rrid naf u forsi mbagħad tassew inserraħ qalbi. Għidli - kien kif ħsibt jien, hux hekk? — Sewwa kont ħsibt, hux?

CALLUS

Xi ħsibt?

BORG

Taf - taf tajjeb. Dik it-tieqa – dik ir-rokna tiegħi

taħt it-tieqa. Kien minħabba fiha li int ħdimt sakemm bagħtuni hawn, mhux hekk?

CALLUS

Se terġa'? Issa wkoll? X'jeħtieġ li?...

BORG

Jeħtieġ! Jeħtieġ, issa aktar minn qabel iva! Għidli! X'għandek x'titlef issa? Tkellem issa tal-anqas. Wara għada ma taranix aktar. Imma qabel immur jeħtieġ li nkun naf! Kien għalhekk hux!

CALLUS

Għalhekk...

BORG

Minħabba dik it-tieqa. Kont int li ġagħalthom jibagħtuni hawn!

CALLUS

Kont jien, iva! Jien! Għalhekk! Minħabba dik it-tieqa f'dik ir-rokna...

BORG

Rajtx!!

CALLUS

... Imma mhux biss! ...U minħabba fik kollok kemm int! Kont nobgħodok iva, la tridni ngħidlek! Għalhekk! Nobgħodok – jien aktar mill-oħrajn!

BORG

Tobgħodni, iva hekk, kompli. Kompli. Kont

tobgħodni.

CALLUS

Iva! Kont narak hemm malli nidħol, kuljum, insibek hemm quddiem wiċċi, f'dik ir-rokna, kuljum taħt it-tieqa, magħluq f'dinja għalik. Dejjem titbissem - u taħdem. Taħdem – taħdem – taħdem u titbissem! U lilna tinjorana għal kollox! Ma stajna naqbdu miegħek b'xejn!

BORG

B'xejn! Lanqas biċ-ċajt u l-logħob goff kollu tagħkom!

CALLUS

Lanqas, le!

BORG

Kompli, kompli!

CALLUS

Kont tibqa' hemm, minkejja kollox, tibqa' hemm, ixxengel rasek, qisna aħna konna xi tfal żgħar li trid tikkumpatihom. Għalhekk. U kont titbissem u tkompli xogħlok. U dik it-tbissima – b'dik l-indifferenza – kienet tkessaħli demmi! Kienet tindannani! Kont nobogħdok iva! Nobogħdok.

BORG

Sa fl-aħħar.

(iqum minn ħdejh)

Sa fl-aħħar.

CALLUS

(rasu bejn idejh)

Kont nipprova ma nagħtix kas - nagħmel bħalek. Imma għalxejn. Malli nidħol minn dak il-bieb, insibek hemm ma' wiċċi, diġà f'postok, taħdem... Tgħolli rasek, isellimli bi tbissima - l-istess tbissima li tagħti lill-messaġġier! - l-istess tislima! — U terġa' tgħaddas rasek fuq ix-xogħol. Kuljum l-istess. Imma fl-aħħar ma stajtx iżjed. Ridt neħles minnek. Kemm iddum tissaporti! Imbagħad... imbagħad ġara li ġara...

BORG

Ġara li ġara... Kompli

CALLUS

M'hemmx xi tkompli... Darba waħda - darba waħda, kien meta bdew jaħsbu biex idaħħlu l-kompjuters, tiftakar?...

BORG

Niftakar. Kollox niftakar.

CALLUS

...u kienu bdew iċalqalqu n-nies - tiftakar - imbagħad - imbagħad inzertaw semmew li kien tbattal dal-impieg hawn u ssuġġerejtilhom lilek. Kont naf hekk jew hekk li ma kontx wieħed tal-kompjuters int...

BORG

Ma kontx le...

CALLUS

Għalhekk.

BORG

...Imma kont nitgħallem kieku. Kieku ħallweni...

CALLUS

Forsi. Imma qabel biss ilħaqt għedt kelma, bilkemm ftaħt ħalqi, ħatfuni... Dak li ġara.

BORG

Ħatfuk... Dak li ġara. Sa fl-aħħar.

Ipoġġi bilqiegħda mal-koxxa tal-bieb tal-ġnien.

XENA 16. BARRA. IL-BITĦA TAL-MAĦŻEN – FILGĦAXIJA..

*Kemm kemm dawl ġej minn xi mkien wara ċ-ċint għoli li jagħti fuq l-isqaq. Bank tal-ġebel ħdejn il-bieb jagħti għall-isqaq, fuqu l-ixkupa u l-borża tal-*MARA.

IL-MARA *kokka ħdejn rokna dellija tal-ġnien — roqgħa żgħira b'xi xtieli miżrugħin, daharha lejn il-bieb miftuħ tal-appartament, fejn hemm bilqiegħda* BORG.

Għanqud ġmielu ta' xi pjanta li tidher kienet kibret mhux ħażin tinsab mitfugħa f'rokna taħt tank ftit imsaddad.

Idejn IL-MARA *jteftfu fost il-ħxejjex – xi ħwawar komuni, oħrajn pjuttost strambi u xejn komuni.*

Kemm BORG *u kemm* IL-MARA *huma konxji ta' xulxin iżda ma tgħaddix kelma bejniethom.*

XENA 17. ĠEWWA. L-APPARTAMENT – FILGĦAXIJA

CALLUS *jintelaq minn tulu fuq is-sodda.*

BORG
(mill-bieb)

Sabiħa l-lejla llum, iva.

CALLUS
(O.S.)

Jiena se norqod hawn għal-lejla, hux hekk?

BORG *iqum, idur u jersaq lejn l-iskrivanija. Iħares lejn ir-ritratt għal xi waqtiet, imbagħad idawru wiċċu 'l isfel fuq l-iskrivanija. Jieħu s-senter f'idu u jagħlqu. Bih f'idu jerġa' jersaq lejn il-bieb.*

BORG

Tismagħhom l-iwrieżaq?

CALLUS

Għada nġib il-bagalji. Għajjien wisq illum. Għada.

BORG

Iva. Għada. Għal-lum jien ukoll naħseb li norqod hawn. Għal-lejla biss. Għada mmur lura.

CALLUS

M'għandhomx għaġġla.

BORG

Imma mmur. Imqar biex nara għall-aħħar darba dak l-uffiċċju. Dik ir-rokna.

CALLUS

Għalhekk biss?

BORG

Biss.

CALLUS

Tista' ma tmurx mela. — Ilhom ħames snin li waqqgħuh dak l-uffiċċju... u l-bqija tal-bini.

BORG

(maħsud, iżda mhux tal-għaġeb)

Waqqgħuh? Għaliex?

CALLUS

Bnew imkien ieħor. Bini ġdid, modern, kollu ħġieġ u ħadid.

BORG

Ħġieġ u ħadid. Ħames snin ilu għedt?

CALLUS

Ma xtaqtx ngħidlek qabel.

BORG

U għaliex le, wara kollox? Ħames snin ilu, eh? Mela issa tassew li m'għadx hemm għaġġla iżjed li mmur lura.

CALLUS

M'intix sejjer, mela?

BORG

Ma nafx. Naħsibha. Il-vjaġġ forsi jkun iebes wisq għalija. U għalfejn imbagħad? Ma nafx – għada naraw. S'għada – nistenna. Forsi nibqa' s'għada. Mhux qed jistennewni fuq x-xwiek żgur. issa li tawni l-pensjoni! Min jaf, forsi m'għad baqa' ħadd wara kollox. Ħadd li jiftakarni. Forsi ilhom li nsewni. Pawlu Borg, hawn jien, immur

ngħidilhom. U huma jħarsu lejja skantati, ikemmxu wiċċhom u ma jagħrfunix.› Pawlu Borg? U min hu Pawlu Borg? Isem komuni, malajr jintesa. X'tistenna: ili tmien snin hawn, mejjet. Pawlu Borg, mejjet u roddlu s-salib ammen. Pawlu Borg midfun u kiluh id-dud.

Pawsa - iħares 'il fuq lejn il-qamar, irewwaħ bil-palju.

BORG

Sabiħ il-qamar imma. Sabiħ tassew. Għada, mela - għada naraw, hekk jew hekk.

MUNTAĠĠ SAT-TMIEM:

• *L-ISKRIN TAL-IPHONE jindika li l-batterija waslet biex tispiċċa.*

• *SERBUT INBID skur riesaq bil-mod lejn il-mowbajl.*

• *FIS-SODDA:* CALLUS*, rasu mgħaddsa, nofs ilbies, qed jitnieħes.*

• *L-iPhone inemnem, imwaħħal mal-plagg tiegħu mitluq fl-art ħdejn plakka tad-elettriku antika - il-pins taċ-charger ma jaqblux magħha.*

• *FUQ L-GĦATBA: BORG, waħdu. 'l isfel, mixħut mal-art, taħtu s-sodda, l-ġakketta tal-ħarir, wieħed.*

BARRA: FIL-BITĦA - IL-MARA*, għajnejha miftuħin beraħ tħares lejn is-sema, sigarru rqajjaq bejn xufftejha - ħdejha t-tank imsaddad fejn hemm mixħutin il-ħxejjex, issa nofshom maħruqa u għadhom idaħħnu.*

Bil-mod il-mod: id-dehra mill-għoli tal-MAĦŻEN jiċkien, jitbiegħed,

*L-ISQAQ imbagħad IL-PJAZZA dejjem aktar 'il boghod, imbagħad IR-RAĦAL, it-*TRIQ *twila twila isserrep barra r-raħal, dejjem jiċkien.*

Il-qamar jiddi fiddien fuq baħar ħiemed.

L-iskrin tal-iPhone, jgħum f'dabra skura nbid hekk kif jegħreq u jintefa.

Skrin iswed ħamrani.

TMIEM

GĦALIEX "XENEĠĠJATURA"?

Screenplay? Sceneggiatura? Scénario? Drehbuch?

It-tifsira bil-Malti tal-kelma "xeneġġjatura", jew dak li wieħed jifhem meta jaqraha, diġà hija fiha nfisha ftit jew wisq problematika. Meta bdejt il-proġett tal-pubblikazzjoni taʼ sensiela taʼ xeneġġjaturi (2015), l-ewwel darba li għamilt tiftixa taʼ malajr taʼ din il-kelma fʼGoogle bil-Malti ma sibtx għajr tlieta jew erbaʼ referenzi għal dak li għandu xʼjaqsam maʼ kitba ċinematika jew televiżiva. Infatti l-ewwel konnessjoni li wieħed jagħmel meta jismaʼ jew jaqra din il-kelma probabilment ikollha xʼtaqsam maʼ dak li nassoċjaw komunament maʼ xena fis-sens pittoriku, jew xenarju tal-palk, jew pajsaġġ. Totalment bil-kontra jekk tfittex il-kelma "sceneggiatura" bit-Taljan li tmur direttament għat-tifsira assoċjata maʼ kitba. Mʼhemmx dubju mbagħad li l-kelma "screenplay" bʼIngliż tispjega ruħha ferm aktar malajr.

Sa fejn irnexxili niskopri jien, u issa ili marbut mal-qasam drammatiku letterarju armajn ħamsin sena, ftit li xejn huma dawk ix-xogħlijiet ippubblikati bil-Malti li l-format tagħhom jaqaʼ taħt id-definizzjoni taʼ xeneġġjatura. Infatti, il-pubblikazzjoni taʼ xeneġġjaturi bil-Malti, strutturati u ppreżentati lill-qarrej bi tfassila u format speċifiku taʼ xeneġġjatura, huwa qasam taʼ pubblikazzjoni li sa fejn naf jien sʼissa kien ineżistenti.[1] Wieħed jifhem għalhekk li

[1] *Jeżistu pubblikazzjonijiet lokali taʼ skripts li nkitbu għat-televiżjoni, però dawn ma jippruvawx jagħtu kitba dedikata apposta għal min se jipproduċi l-film, jew għall-qarrej infurmat li konxjament jipprova jifhem u japprezza dak li qed jaqra fʼsens ċinematografiku. Li jagħmlu huwa pjuttost li jadottaw format li huwa bbażat fuq xi forma jew oħra taʼ skript għall-palk. Fʼdin il-klassifika taqaʼ l-ewwel pubblikazzjoni*

xi ħadd li mdorri jaqra poeżiji, proża jew anke testi teatrali, meta jsib quddiemu xeneġġjatura bil-Malti - jekk ma kienx diġà espost għal xeneġġjaturi b'ilsna barranin - jista' jsibha xi ftit diffiċli jadatta ruħu biex jinterpreta dak li jsib mifrux quddiemu fuq il-paġna.

In-narrativa ċinematografika għandha kwalitajiet distinti. Hekk kif wieħed jista' jkun imdorri jaqra poeżiji fil-forom u strutturi differenti tagħhom u jfittex fihom pjuttost sinifikat magħsur li trid tapprezza u tagħrbel bil-mod iżda mhux wisq fit-tul, qarrej ta' rumanz jew proża normalment ikun imħejji jeħodha aktar bil-mod u jsegwi għal tul ta' żmien itwal l-iżvolġiment tan-narrazzjoni. Madankollu, il-letarġija (jekk nistgħu nsejħulha hekk) ta' min jintefa jaqra rumanz ħafna drabi taf tkun imbenġla minn sbandaturi fejn il-qarrej jagħżel li jaqbeż ċerti paragrafi (ngħidu aħna ta' deskrizzjoni) biex iqarreb ruħu lejn xi azzjoni mistennija bil-ħerqa jew xi djalogu li jkun imiss.

Li wieħed jagħmel l-istess meta jiġi biex jaqra xeneġġjatura jaf ikun fatali għal min irid jifhem x'inhu jiġri. L-ewwel twiddiba għal min veru jixtieq jifhem xeneġġjatura għandha tkun li tippruvax tmur tiġri tfittex id-djalogu a skapitu tal-"azzjoni". Xeneġġjatura tinbena fuq żvolġiment ta' azzjoni b'anqas użu ta' kliem minn rumanz. Imma li taħseb li tista' tagħżel li taqbeż dik li jidhirlek hija narrazzjoni twila wisq ikun żball. Aktar ma xeneġġjatur jaf ikun konċiż u intens fl-għażla tal-kliem, aktar il-qarrej irid ifittex li jifhem dak li jista' jistenna li jara fuq l-iskrin.

X'INHI D-DIFFERENZA ALLURA BEJN XENEĠĠJATURA U ĠENERU IEĦOR TA' KITBA?

Bħala għajnuna u biex jiftiehem aħjar it-tfassil tax-xeneġġjatura – kif adottat f'din is-sensiela ta' pubblikazzjonijiet – ta' min jgħid l-ewwelnett li xeneġġjatura ġeneralment għandha tgħaddi minn fażi differenti ta' żvilupp sa ma tasal f'idejn dawk li jkunu responsabbli

([1] Tkompli) tiegħi ta' skript għat-televiżjoni, "Ċens Perpetwu" tal-1972. L-istess jgħodd għal diversi pubblikazzjonijiet tal-istess skript fil-bidu tad-disgħinijiet. Hija l-pubblikazzjoni tal-2015 (Skart/Ċens Perpetwu) li tadotta għall-ewwel darba format proprju ta' xeneġġjatura li użajt fl-4 volumi ta' xeneġġjaturi li ppubblikajt s'issa.

biex "jinħadem" il-film/vidjow. Ix-xogħol kif inhu ppreżentat hawn hu t-tip ta' skript li hu maħsub aktar biex jinqara *qabel* ma jgħaddi għall-fażi ta' produzzjoni, milli skript biex jintuża professjonalment/teknikament biex jinġibed il-film. Din hi distinzjoni bejn dak li jissejjaħ "*master scene screenplay*" u "*shooting script*." Għalhekk li żgur m'għandhomx jidhru f'din it-tip ta' xeneġġjatura (magħrufa wkoll bħal *spec script*) huma suġġerimenti dwar *camera cue*s jew *shooting angles*. Mela huwa t-tip ta' skript maħsub biex l-ewwel jeħtieġ jinqara qabel ma jintagħżel għall-iffilmjar u jingħata lid-direttur, l-atturi jew il-producer. Għalhekk jinkiteb għall-qarrej u mhux għall-producer jew id-direttur. Għall-fażi ta' produzzjoni u ffilmjar wara jiġu adattati formati differenti tal-istess skript fejn dak li jibqa' bħala bażi huma d-djalogar u l-azzjoni u sa ċertu punt il-qsim tax-xeni differenti.

DISTRAZZJONIJIET

L-użu ta' termini tekniċi bl-Ingliż bħal, *CLOSE, POV, CLOSE UP, DISSOLVE, DISSOLVE TO, CUT, FADE TO BLACK,* eċċ. hawnhekk ġew evitati wkoll. Ir-raġuni prinċipali hi li b'hekk il-qarrejja ma jkollhomx distrazzjonjiet waqt li jippruvaw jinterpretawhom. Min-naħa l-oħra l-loġika tan-narrativa tal-kitba tax-xeneġġjatura tipprova tkun minimalista imma ċara biżżejjed biex tindika l-kunċett tal-viżwalità tal-azzjoni. Wieħed irid jagħżel kliem li jiddeskrivi azzjoni b'tali mod li jkun kważi inevitabblil li min se jiffilmja xena jsegwi l-intenzjoni tal-kittieb/a bla ma jħossu mġiegħel li jimxi fuq istruzzjonijiet didattiċi ta' kif għandu jagħmel xogħlu.

KEĊAP JEW CATCH-UP?

Fix-xeneġġjaturi li ppubblikajt f'din is-sensiela s'issa ppruvajt li nevita wkoll kliem tekniku ieħor bl-Ingliż (*EXT., INT., CONTINUING, cont/d, eċċ*) li m'humiex neċessarjament relatati ma' *camera angle cues,* għalkemm wara kollox f'xeneġġjaturi b'ilsna barranin oħra jintużaw bla ebda sens ta' ħtija. Min-naħa l-oħra, kieku dak li jkun jingħata l-inkariku li jkun jmiss fl-evoluzzjoni tal-iskript - jiġifieri li jipprepara l-i*screenplay* biex tingħata f'idejn min se jaħdem fuq proġett ċinematografiku, inħoss li ħadd m'għandu

jsib raġuni għala m'għandux juża l-Ingliż tekniku ċinematografiku.

Il-kitba ta' xeneġġjaturi oriġinali, dawk li bdew fil-bidu tal-MTV bħala teledrammi, issa waslu biex jagħlqu l-ħamsin sena mit-twelid tagħhom u l-wasla ta' indikazzjoni daqsxejn formali u universali ta' kif jiġi ppreżentat skript b'mod uniformi għal din l-industrija hija meħtieġa.

Ta' min wieħed jgħid ukoll li l-format li qed jintuża f'din is-sensiela ta' xeneġġjaturi mhux bilfors għandu jkun l-unika jew l-aħjar alternattiva għal *master scene screenplay* bil-Malti. Lanqas m'għandu neċessarjament jitqies li hemm bżonn ta' regoli riġidi jew fissi għal dan l-għan. Wieħed jista' biss jittama li s-sens komun kif ukoll il-prattika biż-żmien jgħinu biex jinstab mod li jkun familjari u aċċettatabbli għall-maġġoranza ta' awturi u oħrajn midħla tal-industrija. B'hekk kif il-produzzjoni tal-films lokali, u aktar u aktar, il-kitba tax-xeneġġjaturi, tistabilixxi ruħha aktar, eventwalment tista' toħroġ xeneġġjatura mudell li fuqha jimxu xogħlijiet ta' ffilmjar lokali tal-ġejjieni. Ġejjieni fejn l-importanza ta' kitba professjonali ċinematografika ma jidhirx għandha tkun wisq aktar 'il bogħod .

FINAL DRAFT, CELTX.

Is-software eżistenti dedikat preċiżament għal min irid jikteb xeneġġjatura jeżistu u għal min lest jitgħallem jużahom huma ta' għodda imprezzabbli. Fost dawn jispikkaw Final Draft u Celtx. L-użu ta' dawn irendi totalment superfluwu li wieħed joqgħod iħabbel moħħu kif se jipprepara xogħlu fuq il-compjuter. M'hemmx aktar taħbil il-moħħ dwar formatting jew tfassil tal-elementi essenzjali ta' skript, bħalma huma kif u fejn jintuzaw il-bidu tax-xena, id-deskrizzjoni li tmur magħha, id-didaskalja tal-azzjoni, l-ismijiet tal-karattri, id-djalogu, sound effects, eċċ. Wieħed hawnhekk qed jassumi li dan iż-żmien min jikteb xogħlu jagħmlu fuq il-kompjuter. Min jaħdem mod ieħor u jippreferi jgħaddi x-xogħol lest miktub bl-idejn jew f 'għamla ta' kitba oħra lil xi ħadd intiż biex jagħtih is-sura diġitali, dan id-diskors kollu jista' jinjorah!

Ara *https://www.finaldraft.com/learn/how-to-format-a-screenplay/* biex ikollok rijassunt ta' dak li jkun mistenni li jintwera f 'xeneġġjatura u kif għandu jintwera fuq l-iskript finali. Ara wkoll il-biblijografija għal sorsi

oħra utli.

Dawn il-programmi jew software huma bbażati fuq tfassil ta' xeneġġjatura professjonali stil Amerikan. Hemm ukoll mudelli oħra ta' preżentazzjoni ta' xeneġġjaturi, fosthom il-mudell Taljan u dak Franċiż (ara aktar 'l isfel.) Id-differenżi mhumiex kbar u aktar jirrigwardaw it-tqassim ta' fejn jintwerew fuq il-paġna l-elementi differenti tal-iskript, imma l-elementi nfushom huma essenzjalment l-istess.

Nota dwar fonts: il-font li hu rakkomandat li jintuża fi skript li jiġi ppreżentat barra, l-Amerka biex inkunu preċiżi, huwa l-font Courier, 12 point, 10 pitch. Ġeneralment, paġna ta' xeneġġjatura maħduma b'dan il-mod hija meqjusa li tieħu madwar minuta żmien ta' film. Italics jew bold ma jintużawx. Niftakru li meta ġew żviluppati dawn il-linjigwida, ix-xenġġjaturi kienu jinkitbu fuq tajprajter u jgħoddu l-aktar għall-qasam professjonali barrani. Lokalment, fejn għadna relattivament kemm bdejna nimxu, forsi jistgħu jitqiesu bħala anakronistiċi. Madankollu biex nerġgħu niffamiljarizzaw ruħna ma' dawk iż-żminijiet, u forsi wkoll b'ċerta nostalġija, qed jintużaw hawn taħt fejn jidħlu eżempji ta' elementi li jiffurmaw xeneġġjatura.

L-ELEMENTI ESSENZJALI TAX-XENEĠĠJATURA.

L-iskript huwa organizzat f'sensiela ta' xeni jew sekwenzi li jsegwu dejjem l-istess tfassila u hu magħmul minn elementi li jirrepetu ruħhom minn xena għal oħra. Li se nindika hawn infatti huma biss dawk li huma l-qafas ta' kwalunkwe xeneġġjatura. Bosta elementi oħrajn li m'humiex inklużi huma importanti wkoll iżda ma jidħlux fl-iskop ta' din is-sintesi qasira li hi intiża biss biex tiffamiljarizza l-qarrej novizz mal-istesura ta' xeneġġjatura.

Veru li ħafna xogħol ta' drammatizazzjoni jfalli jew jirnexxi skond kemm ikun tajjeb id-djalogu. M'hemmx bżonn li nenfasiżżaw kemm id-djalogu hu importanti anki f'xeneġġjatura, iżda d-djalogu mhuwiex il-film - infatti hemm elementi oħrajn li huma wisq aktar essenzjali. Kif se naraw.

L-eżempji li se jintużaw minn hawn 'il quddiem m'humiex ippreżentati fil-qisien preċiżi ta' xeneġġjatura mudell izda

minħabba l-qies ridott tal-paġna qegħdin fuq skala iżgħar imma proporzjonata. L-elementi essenzjali tal-iskript jinkludu dan li ġej:

A — IX-XENA

Xeneġġjatura tinqasam dejjem f'xeni - jew sekwenzi distinti ta' ffilmjar kronoloġiku. Eżempju ta' xena, l-ewwel linja ta' kull sekwenza (jew *slug line*):

BARRA. IL-ĠIEBJA MIFTUĦA – BINHAR.

Dawn jinkitbu dejjem b'ittri kbar fuq linja waħda qasira kemm jista' jkun u jindikaw li l-azzjoni qed issir:

a) BARRA jew ĠEWWA,

b) f'ċertu lokal u

ċ) f'ċertu ħin tal-ġurnata.

Biex noqorbu aktar lejn l-użu ta' *jargon* fl-ilsna barranin, m'hemmx raġuni għala flok Barra/Ġewwa ma tiġix adottata l-użanza bl-Ingliż (u lingwi oħra) li jinkiteb EXT. jew INT. (jew forsi EST. - estern, jew INT. - intern). Madankollu l-kelmiet bil-Malti huma diġà qosra biżżejjed li narahom aċċettabbli ħafna li jintużaw bla bżonn ta' taqsiriet.

Ix-xeneġġjaturi kif inhuma ppreżentati f'din is-sensiela li għandha l-għan primarju li tiffamiljarizza l-qarrej ma' dan il-ġeneru ta' kitba bil-Malti jinkludu wkoll il-kelma "XENA" fil-bidu ta' kull sekwenza, kif ukoll in-numru tax-xena:

XENA 1. BARRA. Il-ĠIEBJA MIFTUĦA – BINHAR

Dan biex jgħin u jagħti punt ta' riferiment lill-qarrej ta' din il-pubblikazzjoni (li hija disponibbli wkoll bħala ebook) meta jkun irid ikompli jaqra wara xi interruzzjoni pjuttost twila fil-qari. Madankollu, din in-numerazzjoni ġeneralment tista' titħalla barra għal kollox, kif ukoll il-kelma Xena, meta x-xeneġġjatura tkun għadha ma għaddietx għand ir-reġisti, crew tekniku jew xi ħadd ieħor inkarigat minn xi aspett jew ieħor tal-ġbid tal-film. In-numerazzjoni tiġi "illokkjata" imbagħad meta jibda x-xogħol u anki jekk għal xi raġuni jew oħra tinqata' xi xena, in-numerazzjoni mbagħad tibqa' ma tinbidilx.

B — X'QED JIĠRI.

L-azzjoni: dak li jiġri huwa indikat **dejjem fil-preżent**. Importanti li tiftakar ukoll li dak li ma jistax jidher m'għandux jiddaħħal fl-azzjoni. Bħalma f'radjudramm huwa l-ħoss li jsaħħaħ dak li qed jiġri u joħloq fil-moħħ u l-immaġinazzjoni tagħna xi jkun qed iseħħ, f'xeneġġjatura huwa dak li qed tara l-kamera li jistampalna f'moħħna dak li qed jiġri. Mela l-kitba trid tirrifletti l-punto di vista tal-kamera.

L-użu ta' djalogu (u *sound effects*) jidħlu wkoll, però d-djalogu mhux parti essenzjali biex toħloq kull xena. Eżempju ta' din it-tip ta' azzjoni:

BARRA. IL-ĠIEBJA MIFTUĦA - BINHAR.

Dritt minn fuq: dehra tal ġiebja miftuħa. Baqqun fuq it-twavel imkissrin.

Wirdien u insetti oħrajn iserrpu mal-ġenb tal-ħerża.

IX-XIĦ wieqaf f'xifer il-ġibja, iħares sodisfatt lejn xogħlu.

Jerfa' għal fuq spallejh barżakka li ġab miegħu, jarmi sigarru maħruq minn ħalqu qalb il-ġarġir, jagħti daqqa ta' sieq lil flixkun inbid nofsu vojt u jgerrbu 'l isfel għal ġol-ġiebja.

Waqt li l-azzjoni tinfirex tul il-paġna, l-isem tal-KARATTRI, id-DJALOGU u d-DIDASKALJA rispettiva jiddaħħlu aktar 'il ġewwa mill-marġni tax-xellug.

C - IL-KARATTRI.

Miktubin b'ittri kbar f'linja għalihom u ċċentrati fuq id-djalogu tagħhom.

D - ID-DJALOGU.

Jinqara 'l isfel taħt l-isem tal-karattru.

E - ID-DIDASKALJA (*PARENTETHICALS*).

L-indikazzjonijiet - fejn huma tassew essenzjali - għall-mod kif l-attur qed jgħid id-diskors/jew ir-reazzjoni tiegħu/pawsiet, eċc. Dawn jinkitbu taħt l-isem tal-karattru u jkunu ċċentrati bejn parentesi. Eżempju:

ALDO jqaħqaħ, idur lura 'l ġewwa mill-gallarija.

ALDO

Veru ma nafx x'fettillek tajtha għaż-żejt!

KAREN toħroġ minn wara l-paraventu b'żewg tili f'idejha.

KAREN

L-acrylics ma stajtx naqbad art bihom. Sakkart għax ma stajtx nissaporti dak l-istorbju.

ALDO

(nifs qawwi fil-beraħ tat-tieqa)

Sa fl-aħħar! Iż-żejt għamlu żmienu, Karen, ħażin għall-ambjent, u fuq kollox ħażin għas-saħħa...

KAREN

(fuq kliemu)

...ħażin għas-saħħa!

ALDO

(ikompli)

...Kont għedtlek.

KAREN tħalli ż-żewġ tili jistrieħu mal-paraventu u tersaq lejn il-gallarija donnha trid tmur terġa' tagħlaqha.

KAREN

Issa se jerġgħu jnittnu kullimkien trab, issa tara.

F - (V.O.) - (O.C.) - (O.S.)

Dawn għandhom x'jaqsmu mal-karattru daqskemm maddidaskalja. Huma taqsira mill-Ingliż ta' *voice over, off-screen* u *off-camera* u jinkitbu bejn parentesi fl-istess linja wara l-isem ta' karattru:

(V.O.) - diskors narrativ li l-karattri ma jistgħux jisimgħu.

(O.C.) u (O.S.) - diskors li jintqal minn xi ħadd li jinsab fix-xena iżda mhux muri mill-kamera.

Eżempju:

CALLUS

Neħħi dak il-flixkun. Għadni m'għedtlekx ...BORG

(jgħolli l-flixkun, donnu se jwaddabhulu)

Għedtli kollox! Għedtli biżżejjed! Barra!

CALLUS, mument ta' indeċiżjoni, imbagħad ibewweġ 'il barra.

Il-bieb tar-remissa JINSTABAT WARAJH.

BORG, għadu indimunjat, idu mtellagħa bil-flixkun.

BORG (O.S.)

Biżżejjed! Għedtli biżżejjed!

L-FLIXKUN JITKISSER F'ELF BIĊĊA MAL-BIEB.

L-użu ta' frażijiet jew sentenzi b'ITTRI KBAR jinstab utli biex jiġu indikati xi ħsejjes speċifiċi u effetti tekniċi jew viżwali ta' ċerta importanza. L-istess jgħodd kultant għal dettalji, props jew kostumi speċifiċi meta jidhru l-ewwel darba, jew meta l-awtur jidhirlu li jrid jiġbed attenzjoni partikolari għal kwalunkwe ħaġa oħra li jħoss li teħtieġ



Fig. 1 - Format ta' xeneġġjatura stil Amerikan.

attenzjoni partikolari. Il-format li qed jintuża u jiġi deskritt hawn fuq huwa bbażat fuq format tipiku ta' **xeneġġjatura stil Amerikan** *(fig.1)*, fejn id-deskrizzjoni tal-bidu tax-xena, jew *slug lin*e, li tindika intern jew estern, il-lokal u l-ħin, jinkitbu b'ittri kbar f'linja qasira qasira fuq ix-xellug tal-paġna. L-azzjoni li ssegwi tinbeda wkoll mill-marġni tax-xellug imma tinkiteb it-tul tal-paġna kollha. Meta

tidħol indikazzjoni ta' djalogu, l-isem tal-karattru jinkiteb lejn in-nofs tal-paġna b'ittri kbar, (4 pulzieri 'l ġewwa mill-marġni) iżda d-djalogu jinbeda 2.5 pulzieri aktar 'il ġewwa mix-xellug tal-folja u jinfirex tul ta' 4 pulzieri taħt l-indikazzjoni tal-isem tal-karattru. Bejn l-isem tal-karattru u d-diskors tiegħu kultant tkun meħtieġa deskrizzjoni ta' kif se jingħad id-diskors jew x'jagħmel il-karattru waqt li jgħidu (id-didaskalja, jew l-hekk imsejħa *parentheticals).*



Fig 2 - Format ta' xeneġġjatura stil Taljan.

Dan jinkteb 3.5 pulzier 'il ġewwa mix-xellug tal-paġna u jinfirex tul ta' 3 pulzieri. Dawn il-qisien huma indikattivi biss u jvarjaw (għalkemm bi ftit) skond id-daqs tal-folja. L-Amerikani jużaw il-"letter size" li hija 8.5 bi 11-il pulzier, waqt li aħna mdorrijin bl-A4 (8.3" bi 11.7").

Bażikament għalhekk il-format ta' xeneġġjatura stil Amerikan ikollha fuqnett deskrizzjoni qasira tax-xena fuq ix-xellug, firxa ta' azzjoni tul il-wisa' tal-paġna, isem il-karattru u l-*parentheticals* iċċentrati lejn nofs il-paġna u taħthom roqgħa ta' diskor imdaħħal aktar 'il ġewwa mill-azzjoni u mix-xena. [2]

Il-layout ta' **xeneġġjatura stil Taljan** *(fig. 2)* taqsam il-paġna tal-kupjun fi tnejn: fuq ix-xellug jidħol is-*slug line* u taħtu l-azzjoni. Fuq in-naħa tal-faċċatta maġemb dan ma jinkiteb xejn. Aktar 'l isfel imbagħad fejn jispiċċa dan, fuq in-nofs l-ieħor tal-kupjun fuq il-lemin, jidħol isem il-karattru b'ittri kbar (bil-kliem f'parentesi maġembu, bħal - BORG(O.S.) - fejn u jekk meħtieġ) u d-diskors tiegħu taħtu. B'hekk wieħed jinnota li dan it-taqsim tal-faċċata jħalli spazju battal kultant notevoli kemm fuq naħa, kemm fuq oħra tal-paġna, li forsi ma jrendix wisq faċli l-qari meta jkollok taqbeż minn naħa għal oħra biex tkompli taqra.

Il-layout ta' **xeneġġjatura stil Franċiż** *(fig 3)* - talanqas dik li l-aktar forsi tista' titqies bħala tipika - hija mbagħad kompromess bejn xeneġġjatura Amerikana u Taljana. Id-djalogu jibqa' bħal fit-Taljan fuq in-nofs tal-lemin tal-paġna waqt li x-xena u l-azzjoni jinfirxu t-tul kollu tal-paġna. Hawnhekk ukoll jista' fi lfatt jo ħloq ftit aktar konfużjoni biex jinqara. T a' min jinnota madankolu li xeneġġjatura bil-Franċiż mistennija tilħaq żewġ skopijiet: isservi kemm bħala skript biex jinqara u jinteressa (jew le) lil qarrej li jrid jiddeċiedi tistax tintuża għal xi proġett, kemm bħala bażi teknika

[2] *Software iddedikat għall-kitba ta' xeneġġjaturi bħal Final Draft, minbarra li meta tibda mill-ewwel jiftaħlek il-programm fuq paġna bi stil ta' skript bażikament standard, joffri wkoll għadd enormi ta' templates dedikati għal għamliet differenti ta' skripts, mhux biss għal films, palk, TV, eċċ. imma wkoll għas-swieq lokali Amerikani kif ukoll barranin. Dan kif għedna jiffranka kull taħbil il-moħħ dwar kif għandek tippreżenta x-xogħol tiegħek fuq il-karta.*



Fig.3 - Format ta' xeneġġjatura stil Franċiż.

fuqiex eventwalment jinħadem il-film. Madankollu, jidher li dik li tista' tiqies bħala xeneġġjatura tipika Franċiża għadha fil-fażi ta' żvilupp.

Meta wieħed jiġi biex jadotta xi format jew layout minn dawn biex jikteb xeneġġjatura bil-Malti forsi dak li jadotta

awtomatikament huwa l-istil tax-xeneġġjatura Amerikana, xejn xejn b'rispett għall-ħidma enormi u estensiva, l-esperjenza u l-professjonaliżmu li l-industrija ċinematografika Amerikana hija mogħnija bihom. Il-volum enormi ta' xogħol li joħroġ mill-Istati Uniti huwa ġigantesk meta mqabbel ma' dak Ewropew. L-udjenzi għandhom għażla bla qies li bażikament tikkuntenta l-gosti tal-maġġoranza. L-istudjows kbar ċinematografiċi, il-kanali televiżivi kif ukoll il-kanali indipendeti ċinematografiċi jiżguraw li lilhinn mill-mijiet ta' xogħlijiet sterjotipati jew bl-iskop pur ta' divertiment hemm lok għal xogħol ta' kwalità aħjar għaliex il-qliegħ li jsir mix-xogħol "magħmul għall-massa" jagħmel tajjeb għal xi riskju li jista' jittieħed biex jiġi żviluppat xi xogħol li mhux neċessarjament ikun intenzjonat għall-gosti popolari. Safrattant, il-mentalità hi li wara kollox - jekk mhux fuq kollox - l-industrija hija orjentata fuq linji u skopijiet purament ekonomiċi.

Fl-Ewropa, biex ix-xogħol tax-xeneġġjatur jgħaddi mill-fażi tal-pinna (jew tal-kompjuter) għall-fażi tal-kamera, it-triq taf tkun itwal u kultant ma twassal imkien. L-Ewropa finanzjarament ma tistax tikkompeti mal-bażi ekononomika transatlantika u għalhekk ma jistgħux jittieħdu riskji kbar fuq xogħlijiet "oriġinali" fejn il-mentalità tal-kittieba hija forsi tradizzjonalment u kulturalment orjentata fuq bażi aktar "letterarja" u estetika milli popolareska. Speċjalment fejn tidħol il-karatterizazzjoni u l-valur inventiv. Forsi għalhekk li festival tal-films Ewropej, bħal dawk ta' Cannes u Venezja, jistgħu jitqiesu bħala alternattiva kulturali għal Hollywood. Konsolazzjoni mbagħad meta Hollywood jieħu dawn l-istess xempji biex joħorġu b'adattamenti aktar... Amerikanizzati.

Safrattant, u minkejja dan, mhux daqstant diffiċli b'xorti ħażina li wieħed jipprova jantiċipa f'liema direzzjoni tista' tiżvillupa l-industrija lokali f'dan il-qasam. Jekk huwa veru li minkejja li l-letteratura tagħna hi relattivament żgħażugħa imma għandha bażi rikka, huwa veru wkoll li l-popolaresk jidher li qed jirbaħ u mixi pass pass, jew bl-istess ġirja u fl-istess direzzjoni ta' pajjiżi wisq akbar minna. Il-bozzettiżmu u l-popolaresk, miżżewweġ mal-kożmopolitanesk sab għeruq sewwa fix-xena kulturali lokali u minn dan il-l-frott hemm kemm trid għal min jiggustah. Ħasra?

BACK TO THE FUTURE.

Meta nħarsu lura, meta u jekk nindenjaw ruħna nħarsu lura, u nippruvaw infittxu liema kienet l-aqwa annata ta' xeneġġjaturi għal xogħol ċinematografiku Malti (fis-sens wiesgħa tal-industrija) konna nagħżluha din is-sena (2017)? Jew għad irridu nistennew xi żmien futuresk? Jew forsi... l-aħjar diġà jinsab fl-imgħoddi? Ħasra, għal darb'oħra, jekk hu hekk.

Forsi ebda manwal ta' kif tiġi ppreżentata xeneġġjatura standardizzata mhu se jevita dan. Li nittama hu li jkun hemm aktar min jinduna li forsi ta' min japprezza u jifhem aktar x'jgħaddi minn moħħ kittieb meta jressaq xogħol maħsub biex iwassal bil-kliem dak li l-għajnejn iridu jaraw, japprezzaw u jifhmu. Ir-regoli, jekk jistgħu jissejħu hekk, ta' kif tiġi ppreżentata xeneġġjatura jiġu adatt›ati, midbula u forsi wkoll skartati pass pass mal-iżvilupp tal-arti u t-teknika ċinematrgrafika. L-istess kif ic-ċinema adatta ruħu u nbidel hekk kif għadda mill-era teknoloġika għall-era digitali. Li ma nixtieqx nara jinbidel hija l-ħerqa u l-viżjoni ta' min jidħol għal dan ix-xogħol li hu kreattiv daqs kemm hu intrinsikament viżiv u superlattivament neċessarju għal kwalunkwe proġett televiżiv jew ċinematografiku.

O.C. Diċembru, 2017 - San Ġiljan.

Mini Glossarju

EXT.	xena li tinħadem BARRA.
INT.	xena li tinħadem ĠEWWA.
master scene script *spec script*	skript ippreżentat biex jinqara minn min jista' jgħaddih għall-produzzjoni. Wara jiżdiedu miegħu direzzjonijiet tekniċi meta jiġi biex jinġibed il-film.
(O.S.) *off-screen*	kliem li jingħad minn xi ħadd li jinsab fix-xena iżda ma jidhirx.
(O.C.) *off-camera*	l-istess.
(V.O.) *voice over*	kliem li jingħad minn xi ħadd li ma jkunx fix-xena / diskors narrativ li l-karattri ma jistgħux jisimgħu.
parentheticals	didaskalija li tidher bejn parentesi taħt l-isem tal-karattru li tindika kif jingħad id-diskors u l-attitudni jew ċ-ċirkostanzi relatati.
shooting script	l-iskript (*spec script*) li jerġa' jinħadem biex jiżdiedu (jew jitnaqqsu) elementi tekniċi għall-produzzjoni.
slug line	Id-daħla ta' kull sekwenza (xena) li tindika jekk l-azzjoni ssirx ġewwa jew barra, il-lokal fejn isseħħ, kif ukoll il-ħin.

KOTBA U LINKS ELETTRONIĊI.

Raindance Writers' Lab - Write + Sell the Hot Screenplay.
ISBN 978-0240520797 - Elliot Grove. Focal Press.

Manuale Moderno di Sceneggiatura. Claudio Dedola.
ISBN 978-1481827379. CreateSpace Independent Publishing Platform.

How to Enter Screenplay Contests. Erik Joseph.
ISBN 978-1580650342. IFILM Publishing.

Clause by Clause - The Screenwriter's Legal Guide. Stephen F. Breimer.
ISBN 978 0440505617. Dell Publishing.

Screenplay. The Foundations of Screenwriting. Syd Field.
ISBN 978-0385339032. Delta.

Savoir Rédiger et Présenter Son Scénario. Philippe Perret.
ISBN 978-1090461056. Encres de Siagne.
(Maybe the most clear, practical and to the point.)

Écrire un scénario. Michel Chion.
ISBN 978-2866424589. Cahiers du Cinéma.

Scriviamo un film. Manuale di sceneggiatura. Age. (isem l-awtur)
EAN 978 8842820581. Il Saggiatore.

Screenwriting for Dummies. Laura Shellhardt.
ISBN 978-0470345405. For Dummies.

Fuq l-Internet:

http://www.screenwriting.info/glossary.php#scene-heading (glossarju bażiku ta' termini ċinematografiċi).

https://high-concept.fr/mise-en-page-comment-ecrire-scenario/#scenario-francais

https://store.finaldraft.com

https://www.celtx.com/index.html

XOGĦLIJIET TA' ORESTE CALLEJA

IS-SENSIELA XENEĠĠJATURI

Skart

Ċens Perpetwu

3 Siltiet

Għasfur taċ-Ċomb

Addijo Ċesri

ID-DRAMMI

Anestesija

Satira

IġsmaIħirsa

Ċens Perpetwu

Għasfur taċ-Ċomb

Il-Belliegħa fil-Bir

U l-Anġlu Ħabbar

Il-Festa bil-Bandieri

Pawlu Redux

Għażiż Angelo

Skużi ta...

En Passant

Jum Fost l-Oħrajn

ISBN 979 99957 896 71
DISINN TAL-QOXRA, ISSETTJAR U PRODUZZJONI TAL-KTIEB:
ORESTE CALLEJA





Mela s'hawn kellna naslu.
Wara li tajthom kollox - wara li tajthom ħajti -
fdajt fihom... fdajt fik.
U jgħidulek agħti lil Ċesri
dak li hu ta' Ċesri... hux hekk jgħidulek?
U jien, baħnan li kont, jien tajtu kollox!
Kollox tajthom - ħajti kollha...
xogħli għomri u żmieni.
Baħnan iva... X'baqagħli nagħmel issa?
Nagħti lil Alla dak li hu ta' Alla,
dak li baqagħli nagħmel issa?
...Issa li Ċesri ħadli kollox
- nagħtih ħajti lura wkoll?...
Nagħtih dak li fadal minn
din ħajti baħnana?
Lil Alla?
Dak li fadalli nagħmel?

GĦALIEX XENEĠĠJATURA?
Kelmtejn ta' wara dwar il-kitba
ta' xeneġġjaturi, it-tfassil
u l-qari tagħhom.

ISBN 978 99957 896 71